
MONS SION IN JERUSAL



Ir-Rokna Mqaddsa
Fejn Twieled
Sidna Ġesù Kristu
U L-Kewkba Tal-Fidda
B'Kitba Latina
Taħt L-Artal Tal-Griegi
Fil-Għar Ta' Betlehem.

eni Sena | OTTUBRU - DIĊEMBRU, 1956 | Għadd 4

*"Super Muros Tuos Jerusalem, Constitui Custodes"*

# LEHEN L-ART IMQADDSA

QARI
LI JOĦROĠ KULL TLIET XHUR
MILL-KUMMISSARJAT TAL-QABAR TA' KRISTU
F'MALTA

Mitbugħ fl-Empire Press, 266, Triq San Pawl, Il-Belt.

# L-OPRA PIJA TAL-QABAR TA' KRISTU

**X'inhi:**

L-Opra Pija tal-Qabar ta' Kristu hi Xirka ta' msehbin li, bi hsieb wiehed ta' talb u ta' ghajnuna ta' flus, jifhmu jghinu lill-Missjunarji Frangiskani ta' l-Art Imqaddsa ghall-harsien u kisba tas-Santwarji tal-Fidwa taghna, kif ukoll ghat-tixrid u z-zamma tal-Fidi Kattolika qalb il-Lhud, il-Misilmin u x-Xizmatici tal-Lvant.

**Kif u meta nholqot.**

Inholqot, nistghu nghidu, mill-bidu tal-Knisja, ghax nafu, li xi whud mill-Appostli gabru u wasslu flus lill-insara ta' Gerusalemm. Imma f'sura ta' xirka giet imsawra biss f'nofs is-seklu XIX bill-hidma tal-Patrijiet Kummissarji ta-Terra Santa u giet imwettqa mill-Papa Ljun XIII, li ghanija bi kbir gid tar-ruh, fis-sena 1894.

Ghan ewlieni taghha hu, li:

a) tghin bit-talb, bil-flus u bil-hidma ghaz-zamma, ghall-kisba u ghall-harsien tas-Santwarji Mqaddsa;

b) tahdem kemm tista' ghax-xandir tal-Fidi Kattolka qalb l-Infidili, ghat-tixrid tac-civiltà, ghat-twaqqif ta' opri ta' beneficenza u ghall-ghaqda bejn l-Insara.;

c) tghaqqad Xirka qawwija ghal dan il-ghan qaddis minn ghadd kbir ta' nsara "ta' rieda tajba", li jghinu lill-Missjunarji Frangiskani, li minn 7 sekli ilhom jahdmu fl-Art Imqaddsa.

**L-Imsehbin.**

Imsehbin fl-"Opra Pija" huma dawk li taw isimhom lill-P. Kummissarju tat-Terra Santa flimkien ma' ghajnuna ta' flus ghall-htigijiet materjali tas-Santwarji Mqaddsa.

Il-kitba fl-Opra Pija tista' ssir, jew ghal sena biss, u l-hlas ikun ta' xelin (1/-), jew ghal dejjem, perpetwu, u l-hlas hu ta' lira sterlina (£1).

Jistghu jinkitbu wkoll il-mejtin.

**Zelaturi u Zelatrici.**

Huma l-irgiel jew nisa mqabbdin mill-P. Kummissarju sabiex ixerrdu fost l-insara l-Opra Pija, ifehmulhom x'inhi, jiktbuhom fiha, jigbru l-offerti u, flimkien ma' l-ismijiet, jahsbu jibghatuhom lill-P. Kummissarju tat-Terra Santa.

**Gid tar-ruh moghti mill-Papiet lill-Opra Pija tal-Qabar ta' Kristu lil kull Imsieheb.**

1. Sehem mill-Quddies kollu, mit-talb, sawm, penitenzi, tghakkis, pellegrinaggi u ghamil iehor ta' hniena li jsir fis-Santwarji ta' l-Art Imqaddsa. (Il-Papa Piju, VI, f'Lulju 1778).

2. Indulgenza Plenarja fil-Milied, fil-Ghid il-Kbir u fil-hin tal-mewt.

3. Indulgenzi ohra Parzjali huma mghotija ghal kull nhar ta' Gimgha.

4. Lill-Isqfijiet u lill-Qassisin li jhabirku ghall-Opra Pija hi moghtija s-setgha li jbierku l-Kurcifissi bl-ghoti ta' l-Indulgenzi tal-Via Sagra u l-Kurdun ta' San Frangisk. (Ljun XIII, 26 ta' Gunju 1894).

5. Aktar minn 30,000 quddiesa fis-sena jqaddsu l-Patrijiet Missjunarji tat-Terra Santa ghal dawk miktubin fl-Opra Pija tal-Qabar ta' Kristu.

**Liz-Zelaturi u z-Zelatrici.**

Indulgenza Plenarja specjali fl-Istrina u nhar Santa Marija. (Papa Ljun XIII, 26 ta' Gunju 1894).

# LEHEN L-ART IMQADDSA

QARI

MAĦRUĠ MILL-KUMMISSARJAT

TAL-QABAR TA' KRISTU

F'MALTA

It-Tieni Sena OTTUBRU - DIĊEMBRU, 1956 Għadd 4

## X'FIH DAN IL-GĦADD

Ġwanni minn Capestrano (Id-Direzzjoni) ... ... ... ... ... ... 94

L-Ewwel Taqsima — DAWL

Erodi Antipas u Erodijiet Oħra (P. P. Saydon) ... ... ... ... ... ... 95
Il-Wied tal-Mejtin (Fra Xmun, O.F.M.) ... ... ... ... ... ... 96
Ix-Xalata tal-Ġurdan (Ħanna l-Malti) ... ... ... ... ... ... ... 100
Ir-Rgħajja ta' Betleħem (Statera) ... ... ... ... ... ... ... 103
Il-Ħidma għall-Bambin ... ... ... ... ... ... ... ... ... 104

It-Tieni Taqsima — IMĦABBA

Kelmtejn fuq San Franġisk (Fra Ċikk, O.F.M.) ... ... ... ... ... 105
Meta taħsel tiġi ħażina ... ... ... ... ... ... ... ... ... 108
Il-Palestina fi żmienna (Echo) ... ... ... ... ... ... ... ... 109
Għaxar Xhur fi Qbejba (Elsie) ... ... ... ... ... ... ... ... 111
Il-Kelma "Bniedem" ... ... ... ... ... ... ... ... ... 114
Lejl il-Milied f'Betleħem (Lu.) ... ... ... ... ... ... ... 115
Il-Pellegrinaġġ Malti fl-Art Imqaddsa ... ... ... ... ... ... 119

Minn Hawn u Minn Hemm

Aħbarijiet ta' Barra ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 122
Aħbarijiet ta' Malta ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 123

---

Direzzjoni: W. R. P. Nikola Magro, O.F.M., Kummissarju tat-Terra Santa.
Amministrazzjoni: R. P. Valentin Cardona, O.F.M., Viċi Kummissarju,
**Kummissarija tat-Terra Santa, Kunvent ta' Ġieżu, Il-Belt.**

# ĠWANNI MINN CAPESTRANO

*F'egħluq il-festi ċentinarji li saru ma' l-Ordni kollu biex ifakkru l-ħames mitt sena mill-mewt ta' San Ġwann minn Capestrano, "Leħen l-Art Imqaddsa" jerġa' jsellem lil dal-Qaddis kbir u jressqu quddiem il-qarrejja bħala xempju ħaj ta' l-Idejal Serafiku. Fit-tieni ħarġa ta' dis-sena deher artiklu fuq ir-rabta ta' San Ġwanni mal-Ġrajja tat-Terra Santa. Konna nonqsu li kieku bqajna siekta u ħallejna isem il-Qaddis bla mfakkar, għaliex l-Art Imqaddsa tara fih wieħed minn dawk l-erwieħ ta' deheri kbir li għarfu s-siwi ta' l-apostolat fil-missjonijiet.*

*Meta ssemmi lil San Ġwann minn Capistrano tħoss, trid ma tridx, tiġri ma' ġismek kollu, mewġa ta' qlubija bħal dik li mliet qalb il-Qaddis. Ismu jfisser ħeġġa, xogħol, taqbid u rebħ għall-ogħla ġieħ t'Alla. Ismu jfisser f'kelma waħda — apostolat, sehem minn dik il-ħidma qaddisa mibdija minn Kristu u l-Appostli u li qajmet, tul il-ħarba taż-żminijiet, id-dirgħajn ta' l-erwieħ ta' rieda tajba. Il-ħajja ta' San Ġwann kienet sehem mill-apostolat ta' Kristu u l-Magħżulin Tiegħu. Ġera u terraq l-Ewropa kollha, baħħar għall-Art Imqaddsa, mexxa l-Qawwiet Insara kontra t-Torok, ħares ferħan lejn il-Bandiera ta' l-Isem Imqaddes tperper kburija fuq is-swar ta' Belgrade, u meta, għajjien u bla saħħa, temm ħidmietu, tenna n-"Nunc Dimittis" — it-talba ħarqiena lil Alla li qeda sewwa u kif jixraq, biex jieħdu fis-Saltna ta' Mħabbtu.*

*Dil-ħidma apostolika u missjunarja li xegħlet il-qalb ta' Capestrano, u li wiret mill-qalb serafika ta' Missierna San Franġisk, għadha tintwiret minn nisel għall-ieħor fi ħdan l-Ordni tal-Minuri. Nagħtu ħarsa lejn il-ħidma qalbiena talpatrijiet missjunarji tagħna fl-Art Imqaddsa. Minn fejn dik il-ħeġġa, dik l-imħabba, dak ix-xogħol bla heda li jibdlilhom ħajjithom fil-ħajja ta' Kristu Sidna? Kollox ġej minn dik ix-xmara ta' qdusija li mwielda fil-qalb ta' San Franġisk, kibret fil-qlub ta' Wliedu u niżlet, dejjem f'saħħitha, sa żminijietna. Minn dixxmara ta' qdusija Ġwanni xorob sa mtela' u ħalla eżempju lil ta' warajh. Għaliex, niżżu ħajr 'l Alla, dik il-ġamra mbierka li kibret u qabbdet il-qlub ta' Capistrano għadha ħajja fostna, l-aktar u l-aktar fil-qlub ta' dawk il-missjunarji li jħobbu lil Ġesù bla xeħħa, li jagħtuh il-mija fil-mija ta' ħajjithom, ta' ħidmiethom, ta' mħabbithom. Dawk li jgħixu biss għal Ġesù fiċ-ċaħda li tqaddes.*

*Fuq l-eżempju apostoliku ta' Capistrano mxew dawk il-patrijiet tat-Terra Santa li fl-isbaħ żiem ta' żgħożithom tbegħdu mill-Art li tathom il-ħajja biex imorru jħarsu s-Santwarji għeżież tad-Dinja Nisranija mill-mibegħda ta' min ma jemminx u mill-għira ta' min jemmen iżda qajla jħobb. Il-missjoni ta' l-Art Imqaddsa kienet il-mimmi t'għajnejn il-Qaddis, għalhekk meta xi wħud riedu jfixklu l-ħidma tal-missjunarji, ma ħamilx, xegħel b'għadab qaddis u reġġa' s-sliem u l-għaqda.*

*U ħarstna mitlufa fil-ħarsa mixgħula ta' San Ġwann, nitolbuh bil-ħeġġa li jħares il-Missjoni ta' l-Art Imqaddsa — l-ewwel u l-eprem missjoni tal-Kattoliċiżmu, il-ġawhra tal-Missjonijiet kollha. Bħal issa meta l-Lvant donnu ma jistax isib sabar u jgħix fis-sliem tal-Mulej, nitolbuh lil Capestrano biex iħares lill-missjunarji, ibierek il-ħidma tagħhom u jixħet fi qlubhom xrara nar bħal dik li xeħitlu f'qalbu u għamlu ħuġġieġa ta' nar serafiku, il-Fqajjar Missierna San Franġisk.*

ID-DIREZZJONI.

# ERODI ANTIPAS U ERODIJIET OĦRA

Erodi Antipas li fuqu sa nitkellmu is-sa, jissemma f'Matt. 14, 1-6 u Mark 6, 14-22. Kien bin Maltake, waħda min-nisa ta' Erodi l-Kbir. Erodi biddel aktar minn darba t-testment li bih kien għażel 'il dak li kellu jilħaq sultan warajh. L-aħħar testment kien għadu mhux imwettaq minn Awgustu meta miet Erodi, għalhekk qam il-ġlied bejn l-aħwa wara l-mewt ta' missierhom. L-imperatur għażel 'l Arkelaus, wieħed minn ulied Erodi, bħala sultan tal-Lhudija, ta' l-Idumija u tas-Samarija, u lil Erodi Antipas tah 'il Galilija u 'l Perea li kienet tasal sal-fortizza ta' Makeron, fuq ix-xatt tal-Lvant tal-Baħar Mejjet. Arkelaus fl-Evanġelju jissemma biss f'Matt. 2, 22. Għalkemm San Mattew igħid li kien isaltan wara Erodi missieru (2, 22), Arkelaus ma kellux it-titlu ta' sultan, u lanqas ma kien sultan ħuh Antipas, għalkemm fl-Evanġelji aktarx jissemma bħala sultan (ara Matt. 14, 9; Mark 6, 14, 22, 25-26). It-titlu ta' sultan fl-Evanġelji għandna nqisuh bħala titlu popolari, mhux bħala żball ta' l-Evanġelista.

Erodi Antipas hu msemmi fl-Evanġelju għal żewġ ħtijiet kbar: ir-rabta ta' żwieġ ħażin ma' Erodjas, mart ħuh Filippu, u l-qtigħ ir-ras ta' Ġwanni l-Battista (Matt. 14, 1-6; Mark 6, 14-22). Kien ukoll dan Erodi li ried jiddieħek bi Kristu meta Pilatu bagħtu għandu (Luqa 23, 7-12).

Il-bidu ta' dawk iż-żewġ delitti kien Ruma. Igħid Josefus Flavius li meta Erodi Antipas kien Ruma kien milqugħ minn żewġ Erodjas. F'qalb Antipas kibset imħabba lejn mart ħuh, u wegħidha li, malli jerġa' lura minn Ruma, jiżżewwiġha. Mart Antipas saret taf b'dan kollu u nfirdet minn żewġha u ħarbet għand missierha, is-sultan tan-Nabatin. Iż-żwieġ ta' Antipas ma' Erodjas kien ħażin għax sewwa hu kemm Erodjas kienu diġà miżżewġin u żwieġhom kienu ħajjin, imma wkoll għax Erodjas kienet mart ħu Antipas, u żwieġ bħal dan kien kontra l-Liġi (Lev. 18, 16). Kien dik il-ħabta li Ġwanni l-Battista ħareġ mid-deżert u beda jxandar l-indiema bħala tħejjija għas-saltna tas-smewwiet li waslet. Ġwanni ċanfar 'l Erodi talli kien iż-żewweġ 'il mart ħuh kontra l-Liġi u Erodi qabdu u tefgħu l-ħabs (Matt. 14, 3-4). Josefus Flavjus igħid li Ġwanni kien magħluq il-ħabs għax Erodi beża' li Ġwanni, li l-kelma tiegħu kellha qawwa kbira fuq il-poplu, seta' jkun kaġun ta' xi tixwix fil-poplu. Aktarx li ż-żewġ raġunijiet, ta' l-Evanġelista u ta' Josefus Flavius, ingħaqdu flimkien biex iġiegħlu 'l Erodi jitfa' 'l Ġwanni l-ħabs. Iżda Erodi beża' joqtol 'il Ġwanni, u beża' minħabba l-poplu li kien iżommu bħala profeta (Matt. 14, 5), u beża' wkoll għax hu stess kien iżommu bħala bniedem qaddis (Mark 6, 20). Imma għalkemm kien jibża', ma dametx ġietu l-okkażjoni li joqtlu, u qatlu fil-ħabs ta' Makeron qrib il-palazz fejn Erodi u ħbiebu kienu jieklu u jixorbu u jitgħaxxqu bix-xbejba ta' Erodias tiżfen quddiemhom.

### ERODI AGRIPPA

Fl-Atti ta' l-Appostli (kap 12) jissemma Erodi ieħor sultan li qatel 'il Ġakbu, ħu Ġwanni, u tefa' 'l Pietru l-ħabs. Kien bin Aristobolu, bin Marjamne, it-tieni mara ta' Erodi l-Kbir. Trabba Ruma, indiehes mal-kbarat u

mas-slaten u wara ħafna taqlib il-fortuna, issa tajba u issa ħażina, imexxielu jżid ma' l-artijiet li kellu l-Lhudija u s-Samarija u hekk ħa taħt idejh l-art kollha li kellu Erodi nannuh. Kien iħares il-Liġi u għalhekk kien maħbub mill-Lhud. Biex aktar jinħabb magħhom, qabad jippersegwita l-Appostli, qatel 'il Ġakbu, ħu Ġwanni, u għalaq 'il Pietru l-ħabs li kien meħlus b'miraklu, u dan juri li hu kien iħares il-Liġi mhux għax kien jemmen imma għax hekk kien jaqbillu.

Miet fis-sena 44 w.K. wara saltna qasira. Erodi Agrippa niżel Ċesarea għall-festi f'ġieħ l-imperatur Klawdju li kien għadu kemm reġa' lura rebbieħ mill-Britannja. Hemm, iżid igħid Luqa, Erodi laqa' l-ambaxxaturi mibgħutin minn Tiru u Sidun biex jiftiehmu massultan li kien xi ftit immasħan għalihom għax dawk l-portijiet kellhom kummerċ akbar mill-port ta' Ċesarea. F'dik l-okkażjoni Erodi deher fil-pubbliku liebes libsa minsuġa bi ħjut tal-fidda u tad-deheb li kien jilmaw fid-dija tax-xemx, u għamel diskors lill-poplu. Kif il-poplu ra s-sultan jiddi b'dik il-libsa u semgħu jitkellem, maħruġ minnu nnifsu beda jgħajjat: "Dan Alla, m'hux bniedem". Erodi feraħ b'dat-tifħir, imma fis-siegħa u l-ħin iħossu ħażin, qabdu uġigħ kbir u miet wara ħamest ijiem.

**ERODI AGRIPPA T-TIENI**

Fl-Atti ta' l-Appostli jissemma Agrippa ieħor sultan (kap 25 u 26) li kien bin Erodi Agrippa. Iżda billi dan fl-Iskrittura qatt ma jissemma bl-isem ta' Erodi, inħalluh barra. Anqas ma jissemma Erodi Filippu, bin Erodi l-Kbir. U għalhekk inħalluh barra wkoll.

P. P. SAYDON.

# IL-WIED TAL-MEJTIN

Qabel ma Ġesù ġie fid-dinja u għallem il-Liġi l-Ġdida, id-Djiena t-tajba l-waħdanija kienet id-Djiena tal-Lhud. Fid-dinja kollha kif iddur, in-nies kienu jemmnu b'ħafna allat qarrieqa: xemx, qamar, kwiekeb, u x'naf jien. Imma l-Lhud weħedhom, f'nofs dak it-taħwid kollu, żammew it-twemmin f' Alla wieħed li ma hux xemx, anqas qamar, anqas xi kewkba, imma li ħalaq ix-xemx u l-qamar u l-kwiekeb, u kull ma jingħaraf u ma jingħarafx mill-ħsus u mill-ħsieb.

Lil dan Alla, il-Lhud meta ħadu l-Palestina, bnewlu għemâra, li semmewha Qodos, f'nofs ta' għalqa kbira; u quddiem il-Qodos, waqqfu midbaħ u l-għalqa dawwruha b'sur. U f'nofs dik il-għalqa, fuq dak il-midbaħ, quddiem il-Qodos lill-Alla kienu jagħtuh qima bid-dbiħ ta' baqar u ħrief.

Bejn il-Lhud u Alla tagħhom kien hemm minn dejjem rabta kbira; u biex din ir-rabta tibqa' saħansitra wara l-mewt, il-Lhud meta jmutu kienu jridu jindifnu qrib il-għalqa, fejn kienet tinsab il-għemâra t'Alla, biex bħalli kieku jibqgħu taħt il-ħarsien tiegħu sa wara l-mewt. Għal hekk, billi taħt is-sur tal-għalqa mqaddsa hemm wied, u 'l fuq minnu hemm ġebel għoli, il-Lhud sa minn kif bnew il-Maqdes, bdew jindifnu ġewwa dak il-wied u max-xaqliba ta' dak il-ġebel. B'hekk, issa hemmekk jinsabu oqbra bla għadd. Oqbra u oqbra. Qabar ħada qabar. Kull fejn tħares oqbra. Tara dawk l-oqbra kollha, tifħem li hemm huwa l-Wied tal-Mejtin.

Ġerusalem mibnija fuq żurżieqa ta' għoljiet, tħares lejn ix-Xerq, jew tlugħ ix-xemx, u l-għalqa mqaddsa, jew Ħa-

kel, kif kienu jsemmuha l-Lhud, qegħda fuq il-ġenb l-aktar wâti taż-żurżieqa. Il-għalqa mqaddsa għadha hemm issa wkoll, u fuq il-blâta fejn dari kien hemm il-midbaħ, issa hemm knisja tal-Misilmin: knisja ma hux kbira u sabiħa bi ftit (xi darba nfissru kif inhi, u nġibu r-ritratti tagħha). Fejn dari l-Lhud jagħtu qima lill-Alla Wieħed, issa jagħtuh qima l-Misilmin.

Ġerusalem, kollha kemm hija, imdawwra bis-swar: swar baxxa u dgħifa, għall-Insara, u isem għal-Lhud. Il-Misilmin jgħidulu Bâb Sidtna Marjam; l-Insara, Bieb ta' san Stiefnu, u l-Lhud jgħidulu Bieb id-Driebes, billi fuqu hemm erba' driebes minquxin.

Kif toħroġ minn dal-bieb, tgħaddi minn triq dejqa li tiftaħ fi triq kbira u nadifa, għan-niżla, li tieħu għal ġewwa l-wied. Minn hemm ikollok quddiemek dehra sabiħa tal-*muntanja,* ii hawnhekk jgħidulha Ġebel iż-Żejtun, bix-xaqliba ta' tulha u l-wied ta' taħ-



**IL-WIED TA' ĠOSAFAT. Fix-xellug tidher il-Bażilka tal-Ġetsemni u 'l hawn minnha (bil-ponta) il-qabar ta' Assalonn. Jidher ukoll bil-kolonni maqtugħin fil-blat, il-qabar ta' San Ġakbu u fil-lemin (bil-piramda) il-qabar ta' Żakkarija. Dak li qisu ġebel, huma oqbra tal-Lhud.**

m'hux għolja u qawwija bħas-swar ta' Malta. Għax dawk mibnijin qabel ta' Malta, u meta ma kienx għad hawn kanuni li jtajjru l-balal bis-saħħa tan-nar. In-naħa tax-Xmiel, jew *Nord,* tal-għalqa mqaddsa, fis-sur, hemm bieb: l-eqreb bieb għal wied; għal hekk nistħajjluna li sa noħorġu minnu u mmorru nżuru żjara lil Wied tal-Mejtin.

Il-bieb li noħorġu minnu, għandu tliet ismijiet: isem għal Misilmin; isem tha. Fil-qrib tara l-ġnien tal-Griegi; ġnien sabiħ u kollu siġar. Imbagħad il-ġnien tal-Ġetsemni, bil-Bażilka tal-Agunija, imdawwra bis-siġar taż-żebbuġ. 'Il fuq minnha, il-knisja ta' santa Marija Maddalêna tar-Russi, b'qatiegħ siġar ma' ġniebha, siġar l-aktar taċ-ċipress u tas-safsâf. U fuq nett, il-quċċata ta' Ġebel iż-Żejtun, bi ftit bini fuqha u żewġ kanpnari; wieħed qasir, tal-Misilmin, u ieħor twil, tal-Insara, donnu *skyscraper,* għalieħ waħdu.

Tiġbed mat-triq, għal ġewwa l-wied. Taqsmu fejn it-triq hija mniffda minn taħt biex tħalli jgħaddi l-ilma tax-xita, u tiġi quddiem il-Bażilka tal-Ġetsemni. Tibqa' għaddej minn quddiemha, u tara sqâq, in-naħa tal-lemin, li jinżel għal ġewwa l-wied. Tinżel minnu u ssib ruħek fil-Wied tal-Mejtin, jew il-Wied ta' Ġosafât.

Hux kemm ikunu sbieħ il-Widjien ta' Malta fix-xitwa u fir-rebbiegħa, b'dik in-naqra ilma ġieri, u b'dak il-ħaxix u l-ward imżewwaq, u friefet jit-tajjru u naħal iżanżan, u drabi xi raħ-ħâl u xi merħla nagħaġ? Xejn ma tara minn dan fil-Wied tal-Mejtin. La ħaxix, la ward, la friefet u la naħal. Taf x'tara? Oqbra, blat, ħaġar u trab.

Malli tinżel fil-Wied, l-ewwel ma tara, in-naħa tax-xellug, huwa mawsu-lew, li jgħidulu l-Qabar ta' Ab-Xalôm, l-iben kiefer ta' David. Dan huwa maqtugħ mill-blat wieqaf ta' ġewwa l-wied. Fih qjies, tnejn u għoxrin xi-ber Ingliż (jew *feet*) minn kull naħa. Jiġifieri, daqshekk tul, daqshekk għoli, u daqshekk wisa', għamla ta' kagħba. Fih bħal kolonni u gwarniċ, minquxin minnu fih, u fuq il-gwarniċ, saff ħaġar kbir, minġur u mmelles, imqiegħed bla tajn, iżomm sħiħ bit-toqol tiegħu n-nifsu. Fuq dan hemm bħal lenbût wiċċu 'l isfel, tal-ħaġar kbir u mieles ukoll, u fiż-żennuna tal-lenbut, troffa weraq tal-palm, kollox tal-ħaġar. Dan il-mawsulew, ħadd ma jaf sew min bnieh; kien jinsab hemm fi żmien Jû-sef il-Lhudi (Josephus Flavius), li jsemmih *Jâd Ab-Xalôm,* għal hekk għandna naħsbu li kien hemm fi żmien Kristu wkoll, għax dan il-Lhudi, Ju-sef, fis-sena 70, meta r-Rumin ħarbtu Ġerusalem, kien raġel magħmul.



**Il-Wied ta' Ġosafat. Jidhru wkoll l-oqbra maqtugħin fil-blat, imsemmija fix-xbiha l-oħra.**

Fir-rokna tal-blat li minnu maqtugħ dal mawsulew, warajh sewwa, hemm bieb b'żewġ frajja' tal-palm minquxa fuqu, sabiħ ħafna. Jekk tidħol fih (naf għax smajt, għax jien rajtu minn barra iwa, imma qatt ma dħalt fih, bil-li fi żmieni, il-Lhud kienu għalquh bil-ħadid) issib bħal katakombi żgħir, b'ħafna kmamar u oqbra ġewwa fi-hom, li jingħad li kienu l-oqbra ta-nies ir-Re Ġosafat, għal hekk lil wied

isemmuh b'dana l-isem. Timxi ftit iehor minnu 'l ġewwa, u tara fil-blat fil-gholi maqtugħ bħal *partku,* b'erba' kolonni sbieħ, u taħtu żewġ twieqi jew ħofor, li fl-antik kienu jgħammru fihom l-Eremiti. Dana tista' tinżel ġewwa fih b'taraġ minn fuq il-blat. Fih tul erba' u għoxrin xiber Ingliż u wisa' tnax. Hemm kitba, b'ilsien Arâmi, kemm-kemm tinqâra, li tgħid li dak kien il-qabar tad-dar tal-qassisin imlaqqma Beni Ħeżîr, li għexu fi żmien Erodi l-Kbir.

Kif tgħaddi dan il-*portku,* tara Mawsulew iehor, maqtugħ ukoll fil-blat wieqaf, bħal ta' Ab-Xalom sewwa, biss li s-saqaf tiegħu ma hux lenbut mibni bil-ħaġar, imma piramda, biċċa waħda miegħu, maqtugħa mill-blat ukoll. Dana jgħidulu Qabar ta' Żakkarija, missier San Ġwann il-Għammiedi. Imma ta' min hu sewwa ħadd ma jaf.

Dawn huma l-erba' monumenti l-kbar li hemm fil-Wied tal-Mejtin, jew ta' Ġosofat, li meta Ġesù liem lil-Lhud għax l-ewwel joqtlu lin-nies it-tajba mbagħad jibnulhom l-oqbra, aktarx li kien jaħseb fihom.

Minn dawn il-monumenti 'l fuq, ġewwa l-egħlieqi, kollu oqbra. Oqbra biss, qabar ma' ġenb qabar, kull fejn iħarsu għajnejk. L-oqbra tal-Lhud ikunu żgħar għax qabel ma jidfnu lill-mejjet, jiksrulu saqajh biex ma jieħux wisa' (ara l-Lhud! Sa fid-dfin tal-mejtin juru x-xeħħa u l-ġabra tagħhom!)

Kif jidher, dawn l-oqbra kienu jibqgħu sejrin sal-quċċata ta' Ġebel iż-Żejtun u saħansitra warajh, għax f'Betfâġ, li tiġi wara l-Ġebel, sabu ħafna oqbra huma u jħaffru biex jibnu knisja r-Rħieb Franġiskani. U issa, dalaħħar, meta kienu jkabbru l-kappella ta' *Dominus Flevit* (fejn Ġesù beka' fuq Ġerusalem, fil-bidu tan-niżla), sabu għar b'qatiegħ oqbra u twiebet żgħar tal-ħaġar bil-għadam tan-nies fihom, u fuqhom maħżuża dewwiema u isem ta' min kien il-għadam ukoll. Fost dawn l-ismijiet, hemm: Ġajru, Marija, Marta u Xalôma; Ġakbu, Xmun Bar-Jona u Filôn il-Kirjani, ismijiet bħal dawk li jinqraw u-Evanġelju. Minn xi fdalijiet li nsabu mattwiebet, biċċiet tal-fuħħar u tal-ħġieġ u hekk, ingħaraf li dawk l-oqbra huma tal-ewwel seklu. U minn xi għeliema li tixbaħ lil salib, kien hemm min ħaseb li dawk kienu oqbra ta' Lhud insara li kienu jafu lill-Appostli. Għal issa ma tistax tgħid sewwa; 'il quddiem, jekk jinsab aktar bħalhom, wieħed ikun jista' jagħraf il-ħaġa aħjar.

Dan mela huwa l-Wied ta' Ġosafat, jew il-Wied tal-Mejtin, miksi bl-oqbra, li ġewwa fih, jingħad kull imkien, u minn żmien twil ilu, li għad irid isir il-Ħaqq għall-Ħajjin u għall-Mejtin, meta Ġesù jarġa' jiġi fl-aħħar tad-dinja, b'sebħ u qawwa kbira, fuq is-sħab.

Fra Xmun, O.F.M.

---

## QWIEL TAL-PALESTINA

*Kûl qalil u dûm, u la ketir u tsûm.* Kul ftit, biex ikollok x'tiekol għal żmien twil, u tiekolx ħafna u mbagħad meta jintemmlek ġidek, ikollok tibqa' bil-ġugħ. Qawl li jgħallem l-ekonomija.

*La xej tħikk ġildek mitel difrek.* L-ebda ħaġa ma tħokklok ġildek bħal ma jħokkuhulek dufrejk. Jiġifieri, ħadd ma jagħmillek ix-xogħol sewwa bħal ma tagħmlu inti. Jekk trid li l-ħaġa toħroġlok sewwa, agħmilha int.

*Il-ma taqdar taxtariħu, la texteħihu.* Dak li ma tistax tixtrih, tixtiqux. Qawl dieher, ma jeħtieġx tifsir. Tixtiqûx, biex ma tinkeddx, la ma tistax tiksbu.

# IX-XALATA TAL-ĠURDAN

Ħafna drabi ngħid f'qalbi, u drabi ngħid ma' ħbiebi wkoll, li did-dinja hija taż-żgħażagħ. Għax żagħżugħ dejjem ferħân, donnu farfett ġewwa ġnien imwarrad. Imma meta l-bniedem jasal għal erbgħin sena, jew għal ħamsin (għax mhux kull ħadd xorta waħda) ġismu jibda jitqâl u bħal jaqta' qalbu. Imbagħad l-aktar li jkun iħobb, joqgħod miġbur id-dar, jagħmel xi xogħol ħafif u jitħaddet fuq iż-żmien ta' dari.

Jien, l-isbaħ żmien ta' żogħżiti għaddejtu l-Palestina. Hemmekk, drabi konna niltaqgħu qabda ħbieb, nikru karozza jew tnejn, għal daqs kemm inkunu, nieħdu magħna ħafna ikel u nbid, u mmorru nagħmlu dawra. Il-Palestina kbira, u hemm ħafna fejn iddur. Hawn sa nsemmi waħda minn dawn id-dawriet li konna għamilna fil-btajjel tal-Milied, fis-27 ta' Diċembru, għax il-jum ukoll għadni niftakru sewwa.

Fil-Milied jagħmel ħafna ksieħ il-Palestina, għal hekk morna nagħmlu d-dawra tagħna n-naħa tal-Baħar il-Mejjet u l-Ġurdân, għax hemm, billi qiegħed ġewwa ħondoq, ikun *infern* fis-sajf, u sajf fix-xitwa.

Minn Ġerusalem sal-Baħar il-Mejjet hemm bgħid qisu tmienja u għoxrin mil. Minn Ġerusalem tlaqna kmieni, għax niftakar li f'xit-tmienja ta' fil-għodu, meta x-xemx kienet għadha kemm feġġet minn wara l-iġbla tat-Transġordanja, konna fuq xatt il-Baħar il-Mejjet.

Sħabi neżgħu u xteħtu jgħumu (jien ma għomtx, għax kelli wiċċi minfuħ b'darsti u aktarx kelli ħajta deni). Ħaġa tal-għaġeb, hux, tgħum fis-27 ta' Diċembru? U ħaġa tal-għaġeb aktar li żammew f'wiċċ il-baħar mingħajr ma ħadd minnhom ma kien jaf jgħum! Kif jista' jkun? isaqsi xi ħadd.

Jista', għax Ġerusalem u Betlehem, minn fejn ġejna, huma ogħla mill-Baħar il-Mejjet qrib l-elfejn u mitejn (2,200) pied. Għal hekk, hemm jagħmel ħafna ksieħ u hawn tagħmel ħafna sħana. U żammew fil-wiċċ mingħajr ma jafu jgħumu, għax il-Baħar il-Mejjet fih kotra kbira ta' mlûħ. Bniedem li jintafa' fih jibqa' fil-wiċċ, bħal ma tibqa' fil-wiċċ biċċa għuda jekk titfagħha fil-baħar tagħna.

Minn hemm irkibna l-karozza u tlaqna lejn ix-xmâra tal-Ġurdân. Fuq xatt il-Ġurdân, fejn jingħad mill-qedem li tgħammed Kristu, il-lum hemm kappella, imma dak iż-żmien li morna aħna ma kienx għad hemm. Kien hemm biss għarix kbir tal-Għarab li għadu hemm sal-lum, u nżilna ħdejn dak il-għarix.

Kellna magħna Franġiskan, Patri Augusto Facchini, Awstrijak, imma kunjomu Taljan (ara tgħidlu li hu Taljan, imma, għax tiksruha! B'Taljan ma jridx jaf! Issa miet, miskin, ilu ħafna) li ġieb miegħu kaxxa li tinfetaħ u ssir artal u ġewwa fiha jkun hemm kollox: missâl, kalċi, xama' u kandlieri, il-libies tal-quddiesa u dan; u qaddes hemm, taħt is-siġar (għax il-Ġurdân fih is-siġar fuq iż-żewġt ixtut) imsieħeb mill-għana tal-għasafar, u aħna smajna l-quddies u tqarbinna. Wara l-quddiesa dħalna ġewwa l-għarix tal-Għarab, ħadna l-kafê li konna ġibna magħna ġewwa termos kbir, u kilna xi ħaġa u tajna li kien baqagħlna lil Għarab, għax id-drawwa ta' hemm titlob hekk. Imbagħad ħriġna u qagħdna nduru ftit ħada x-xmara. Taħt is-siġar kien għad hemm ħafna tajn, għax il-Ġurdân ma kienx ilu wisq li fâr. Qagħdna nħarsu lejn il-brim li

jagħmel l-ilma u hu miexi, donnu nbiebet. Kull fejn tħares, brim. Il-brima, iddur-iddur, donnha dagħbien żgħir, u tintemm fix-xejn, imma tibda brima oħra ma' ġenbha, malajr.

Imbagħad irkibna d-dgħajsa u wieħed Għarbi qadef bina n-naħa ta' fuq. U meta għednielu, telaq l-imqadef u ħalla d-dgħajsa miexja mas-sejr tal-ilma, sa kemm wasalna quddiem il-għarix, u rġajna tlajna l-art.

Minn hemm irkibna l-karozza u soqna lejn Dejr il-Ħoġla. Hemmekk jgħidu li kellu l-għarix fejn jorqod San Ġwann il-Għammiedi. Id-Dejr huwa tal-Griegi Ortodossi. Rajnieh minn barra u ma dħalniex fih. It-triq kienet ħażina u drabi kellna ngħaddu minn ġot-tajn. Minn hemm dorna lejn ix-xeilug u ġbidna lejn il-belt ta' Ġerko, li l-Għarab bil-lsien tagħhom jgħidulha r-Riħa.

Fir-Riħa, il-Franġiskani għandhom Dejr, żgħir u sabiħ għall-aħħar, mirqum, donnu naqra ta' villa, u miegħu hemm naqra ta' knisja u ġnien sabiħ ukoll. Għax ħafna mill-għonja ta' Ġerusalem, fix-xitwa jinżlu r-Riħa, u hemm jinsabu ftit kattolki wkoll. Lil dawn, nhar ta' Ħadd ma tistax tħallihom bla quddies. Għal hekk rawwmu dak in-naqra ta' Dejr u qegħedu fih Patri wieħed u Ajk miegħu, biex il-kattolki jkollhom min jaqdihom f'dik li hi ruħ.

Hemmekk dorna ftit fil-belt imbagħad dħalna qagħdna għad-dell tas-siġar fil-ġnien tar-Rħieb. Imma taħt is-siġar trid toqgħod b'seba' għajnejn, għax hemm siġar li jqattar minnhom meraq, magħqud u jwaħħal, donnu għasel iswed, li il-Għarab jgħidulu *debek,* li jekk jeħellek mal-ħwejjeġ, min jaħsillek, ma jridx idum jogħrok ftit. Jien messejtu b'subgħajja (għax minn qattusi, kollox inħobb inġarrab, biex inkun naf sewwa) u mbagħad, biex inneħħih, għoroktu bil-ħamrija. M'hux talli ma neħħejtux, talli waħlet ma' subgħajja l-ħamrija wkoll. Biex neħħejtu kelli naħslu bis-sapun u l-vim.

Hawnekk irrid ngħid ħaġa: qatt ġie f'idejk l-Evanġelju bil-Malti tas-Sur Ġużè Muscat-Azzopardi? Fl-Evanġelju ta' San Mattew, faċċata 16 nota 'd', issib miktub li wieħed għaref, Patri Curci, jgħid li San Ġwann il-Għammiedi kien jiekol il-għasel li jqattar mis-siġar. Aktarx li ried jgħid għal dan il-meraq li semmejt issa jien. Imma naħseb li qal ħażin, u tħawwad fil-kelma "debek" li ħasibha "debes" (l-aħħar ittra *s* m'hux *k*). Il-Għarab jieklu għasel tan-naħal imħallat bis-silġ, li jgħidulu "debes". Jien kilt minnu fix-xitwa, meta kont it-Trans-ġordanja. Jagħtuhulek fi platt u tieklu bil-kuċċarina. Jien fiż-żmien twil li domt il-Palestina qatt ma smajt li d-debek ikun ħelu u li n-nies jekluh. Id-debek, billi jwaħħal ħafna, smajt kemm il-darba li jaqbdu il-għasafar bih. Jidilku għuda bih, u jqegħdu fuqha ftit qamħ. Jiġu l-għasafar għal qamħ, u kif jinżlu, saqajhom jeħlu mal-għuda.

Dan l-*isball* aktarx li ttieħed hekk: Patri Curci kien jaf li l-Palestina n-nies jieklu l-għasel imħallat bis-silġ (hu qal imħallat bl-ilma), li jgħidulu debe*s*, bagħat isaqsi lil xi ħadd x'ikun sewwa dan id-*debes,* imma dak fissirlu, m'hux x'ikun id-debeS, imma x'ikun id-debeK, u Patri Curci qagħad fuq kliemu, għax ma kienx jaf.

Għal hekk, tajjeb il-qawl li kien iħobb jgħid Lord Strickland: "Chi vuole anda, chi non vuole, manda". jiġifieri, jekk trid taf is-sewwa, mur araha b'għajnejk.

Issa nerġgħu fejn konna. Mela, wara nofs inhar kilna naqra ta' ikla ġmielha u xrobna naqra nbit, li hu

nbit ta' bil-ħaqq, (għax il-Palestina l-inbit kollu tal-għeneb, għax għandhom dwieli kemm tara b'għajnejk), qagħadna nitħaddtu ftit imbagħad morna nagħmlu żjara lil Ġebel Quruntul, jiġifieri *l-muntanja* li fuqha Ġesù sam erbgħin jum u kien imġarrab mix-xitan.

Hemmekk hemm Dejr tar-Rħieb Griegi Ortodossi foqra, biċċa minnu mħaffer fil-blât u biċċa mkaħħal malġenb tal-għolja, li titla' għalih minn trejqa żgħira, kemm jgħaddi ħmâr (u jgħaddu ħmir minn hemm, għax it-trejqa mimlija bil-bagħar tagħhom). Il-Griegi bdew idoqqu l-qniepen malli rawna ġejjin. Dħalna għandhom u tajniehom borża kafê mitħun, li konna ġibna magħna, għax hekk hi d-drawwa tal-Palestina. Għamlulna l-kafê u ġebulna wieħed ajk jew kjerku, żagħżugħ ħafna, donnu tifel imma, b'leħja sewda daqs rix il-għawrâb. Imbagħad ħaduna fil-kappella tagħhom u wrewna bħal niċċa mħaffra fil-blat u ġewwa fiha ġebla donnha ħobża kbira, minn dak il-ħobż tar-raħal, u qalulna li dik hija l-ġebla li Ta'-Barra-Minn-Hawn qal lil Ġesù biex jagħmilha ħobż. Imbagħad saqsewna jekk ridniex nitilgħu fuq il-quċċata tal-Ġebel, jew *muntanja*. Tlajna tlieta, wieħed minnhom jien. Tawna l-muftieħ biex niftħu għax hemm fuq hemm ħajt u minnu 'l ġewwa trid tgħaddi minn bieb tal-ħadid. Ħriġna mid-Dejr u għaddejna minn fuq gallarija tal-għewwied li tagħti għal fuq irdum egħmiq għallaħħar. Tkexkixt inħares 'l isfel, ngħid is-sewwa, l-aktar meta ħassejt l-għewwied tal-gallarija jiċċaqalqu u jċekċku taħt saqajja! Ommi-mà, jekk taqa' minn hemm fuq għal isfel! Ġewwa qoffa jridu jiġbruk!

It-telgħa kienet twila ġmielha, kollha xewk u żrar, imma fl-aħħar wasalna. Ftaħna u dħalna mis-sur 'il ġewwa u tlajna nħarsu minn fuq is-sur. Minn hemm iġġib taħtek lil Riħa, lil Ġurdân u lil Baħar il-Mejjet u 'l hemm minnhom l-iġbla ta' Moâb, tat-Transġordanja. Ħarisna lejn il-Għarb u hemmekk, bgħid-bgħid, rajna Ġebel iż-Żejtun, li hu ħdejn Ġerusalem. Għarafnieh għax fuqu lmaħna bħal imsella żgħira-żgħira, kemm-kemm tidher, li hu l-kanpnar tar-Russi, li daqs kemm hu għoli, jidher minn kull imkien.

Hemm salib kbir tal-ħadid mixħut fl-art għax għandu jkun li xi darba hemm fuq kienu sa jibnu knisja u dak is-salib kienu sa jwaqqfuh fuqha, bħas-Salib tal-Għolja li kien hawn Malta qabel ma qaċċtu r-riħ. Meta xbajna nħarsu, inżilna 'l isfel mill-ġdid u jien għedt l-Att tal-Indiema, qabel ma wasalt fuq il-gallarija tal-għewwied.

Imbagħad rġajna lejn Dejr il-Franġiskani u minn hemm irkibna l-karozza u soqna lejn Ġerusalem. U hekk għaddiet ukoll din ix-xalâta, ma' ħafna xalâti oħrajn, li għad nikteb xi ħaġa fuqhom ukoll 'il quddiem, jekk ikolli żmien.

Hanna l-Malti.

---

## QWIEL TAL-PALESTINA

*Axtagħal, Ħadd u Għid, wa la taħtaġ għajrek sagħid.* Aħdem Ħadd u Festi, biex ma tiġix *bżonn* in-nies.

*Umruq għaduwwek ġugħâan, u la tumurqu għarjân.* Għaddi minn ħdejn l-għadu tiegħek bil-ġugħ, u la tgħaddix minn ħdejh għarwien. Għax jekk tkun bil-ġugħ huwa ma jkunx jaf, għax ma jistax jara li żaqqek battala; imma jekk tkun liebes ħażin, jarak u jgħajjrek u jifraħ bil-hemm tiegħek.

# IR-RGĦAJJA TA' BETLEĦEM

Jien għandi ħaġa f'demmi li tkiddni wisq. Dil-ħaġa hi, li ma nistax għalieh il-*kuntlarju*! Il-*kuntlarju*, fejn narah, nixtieq neqerdu, sewwa jekk ikolli, sewwa jekk ma jkollix, x'naqsam miegħu jien!

Mela, sena u nofs ilu, wieħed Għawdxi bagħat isaqsi lil wieħed Malti: "Jekk Ġesù twieled fix-xitwa, kif inhi li r-rgħajja ta' Betleħem, kienu barra, jgħassu l-imrieħel tagħhom, bil-lejl?" (Evanġelju ta' S. Luqa, II, 8).

Il-Malti, lill-Għawdxi, ma tahx tweġiba sħiħa. Qagħad idurlu mal-lewża, kienu barra bil-lejl, bin-nagħaġ u l-mogħoż?

It-tweġiba nixtieq nagħtihielu jien, li domt il-Palestina ħafna snin, u mort Betleħem, għal Milied, xi għaxar darbiet.

Betleħem qegħda fuq il-ġbla. Ogħla minn wiċċ il-baħar Mediterran tmien mija u għoxrin (820) pied, jiġifieri, ogħla għoxrin pied mill-ogħla quċċata li tinsab f'Malta (tal-Veċċa, wara Ħad-Dingli). F'Betleħem u Ġerusalem, li huma qrib xulxin, fix-xitwa tagħmel kesħa aktar milli tagħmel Malta. Hemm



**Rgħaj minn Bejt-Saħur, bil-merħla tan-nagħaġ tiegħu. Fil-bogħod, fuq l-għoljiet, jidher Betleħem.**

u qalu li l-Palestina hija art għariba; inħawi tagħmel il-kesħa, u nħawi tagħmel is-sħana. Semmielu l-belt ta' Ġerko, li fiha, fix-xitwa wkoll, tagħmel sħana *tropikali*.

Imma Ġerko, ngħidlu jien, ma għandhiex x'taqsam ma Betleħem. Ġerko bgħida minn Betleħem tlieta u għoxrin (23) mil, u tinsab elf u sebgħin (1070) pied aktar l-isfel minnha, għax tinsab mitejn u ħamsin (250) pied taħt wiċċ il-baħar Mediterran. Il-Għawdxi m'hux fuq Ġerko ried jaf. Ried jaf, jekk *f'Betleħem*, fix-xitwa, tagħmelx kesħa. U jekk tagħmel, kif inhi li r-rgħajja drabi tagħmel il-borra, li hawn Malta ma tagħmilx. F'waħda mir-rivisti Ingliżi li jinbiegħu Malta (ma niftakarx kienetx l-"Everybody", jew l-"Illustrated", jew "Picture Post"), ftit snin ilu kien hemm artiklu msemmi: "White Christmas in Betlehem", fejn kien hemm ritratti ta' Betleħem u r-raba ta' ma dwarha, miksija bis-silġ. Mela *f'Betleħem, fix-xitwa, tagħmel kesħa aktar milli tagħmel f'Malta.*

"Mela kif kienu r-rgħajja barra, bil-lejl?"

Ir-rgħajja tal-Palestina tas-sew li joqogħdu barra l-lejl kollu bl-imrieħel

taghhom, u dan jien rajtu b'ghajnejja, imma m'hux fix-xitwa; fis-sajf (jien fis-sajf rajthom), ghad li aktarx li jibdew mir-rebbiegha. (Dal principio della primavera fin all'inizio della stagione delle pioggie, i greggi rimanevano all'aperto — *La Terra Santa,* Mejju, 1956). Jieqfu ġewwa xi wied, f'wetgha bit-trab; jagħżlu ż-żrar u jagħmluh godds-godds biex il-bhejjem ma jweġġghux meta jorqdu u jibqghu hemm sa fil-ghodu. Fl-Evanġelju ma jinsabx miktub li Ġesù twieled fix-xitwa; u minn din tar-rghajja jidher li twieled fir-rebbiegha jew fis-sajf. U hekk ukoll jidher mill-kitba tar-Rhieb antiki.

Sant Irenew u Tertulljanu ma jsemmux il-Milied fil-listi tal-festi tal-Knisja li jġibu, u minn hekk nafu li l-Milied ma hix festa ewlenija tad-Din Nisrani. L-ewwel tismija tal-Milied qeghda fi ktieb jismu *Stromata,* miktub minn san Klement ta' Lixandra, ghal habta tas-sena 200 W.K. (jiġifieri fuq l-elf u seba' mitt sena ilu). Dan jghid li uhud iżommu li jafu sewwa m'hux biss is-sena, li fiha twieled Ġesù, imma l-jum ukoll. Dawn kien jghidu li Ġesù twieled fil-20 ta' Pachon (25 ta' Mejju, kif nghoddu l-lum) tas-sena 20 ta' Kajsar Awgustu. Ohrajn kienu jghidu li twieled fil-24 jew fil-25 ta' Fermuti (19 jew 20 t'April). Mela, kif kienu jghidu dawn, li kellhom jafu sewwa, ghax l-Eġittu m'hux bghid mill-Palestina, u mitejn sena wara l-ġrajja m'humiex wisq, *Ġesù twieled ghal nofs ir-rebbiegha.*

"Mela ghal fejn il-festa ssir fil-25 ta' Diċembru?"

Din bdiet issir hekk biex tithassar festa Pagâna, il-festa tat-twelid ta' Mitra, jew ix-xemx (Dies Natalis Invicti Solis). Ghax il-Pagani kienu jahsbu li fl-aqsar nhar tas-sena, ghad xi darba x-xemx tinżel u ma titlax, u hekk tintemm id-dinja. Ghal dan kienu jishru l-lejl kollu, u fil-ghodu, kif jarawh ghiejed jisbah, u aktar u aktar meta jarawha tielgha x-xemx fil-25 ta' Diċembru (kienu messhom żammew it-22 tax-xahar, imma ma kienux jafu sewwa) kienu jaghmlu festa kbira, biżżfin u l-ghajjat u t-tbahrit.

Din hija mela t-tweġiba ghal mistoqsija ta' dak il-Ghawdxi, u nixtieqha tiġi f'idejh dil-kitba, halli jkun jaf dak li jixtieq jaf.

STATERA.

## IL-HIDMA GHALL-BAMBIN

Meta taghmel xi haġa ghall-Bambin (nahseb jien; jista' jkun li qieghed nghid hażin), m'ghandekx taghmilha bil-hsieb li *tithallas f'li ġej,* imma ghandek taghmilha bil-hsieb li *thallas tal-imghoddi.* Iftakar Ġesù ma' tul hajtu kemm hadem u bata ghalina; iftakar f'dak is-swat li qala'; dawk id-daqqiet ta' harta; il-bżieq li beżqu fuq wiċċu l-ghażiż; it-tmashir li tmashru bih; il-flaġellazzjoni; ix-xewk li dahhlulu f'rasu. U fuq kollox it-tliet siegħat li dam imsallab, b'imsiemer hoxnin imniffda f'idejh u f'saqajh, waqt li l-eghdewwa, ferhanin bl-uġiegh tiegħu, jinkuh, jidhku bih u jghajjruh, sa ma ruhu harġet.

Meta sa npattulu ta' dan kollu lil Ġesù? Meta sa nhallsu d-dejn kollu li ghandna mieghu? Qatt! Haġa li ma tistax tkun. Biex inhallsuh irridu li ghalih nghaddu minn dak kollu li ghadda Hu ghalina, u mmutu msallbin bhalu.

Mela, meta taghmel xi haġa ghall-Bambin, isthajlek li hallast habba minn dejn li ghandek ta' eluf ta' eluf ta' liri; jew li rfajt tazza ilma minn ġewwa l-bahar, biex tnaqqas l-ilma minnu.

# KELMTEJN FUQ SAN FRANĠISK

(4 *ta' Ottubru*)

Iż-żmenijiet li għex fihom san Franġisk t'Assisi, ma tistax tgħid sewwa xi żmenijiet kienu, tajbin jew ħżiena. Donnhom li l-għerf u t-tjieba kienu nġabru fuq ftit nies, u l-ħażen u l-għulija fuq il-kotra tal-bqija. Il-għonja kienu mogħtija għall-ikel u xorb żejjed, ilbies ilellex u kull xorta ta' xalar. U biex ikollhom minn fejn jaħlu, kienu jagħfsu dejjem lil foqra, u jġiegħluhom jaħdmu lejl u nhar, u kull ma jiksbu jeħduhulhom, u ma jħallulhomx għajr kemm ma jmutux. Hekk, kien hemm ħela u xaba' fost il-għonja u għaks u ġuħ fost il-foqra. U qtil u serq u żena kull imkien.

San Franġisk kien iben ta' missier Taljan u omm Franċiża. Franġisk ma kien ismu, imma laqmu, u kienu laqqmuh hekk daqs kemm ommu kienet għallmitu tajjeb il-Franċiż. Missieru kien raġel għani u kellu ħwienet tal-ħwejjeġ żul minn hemm. Kellu fihom suf, ħarir, bellus u għażel, kollox mill-ifħar u mill-aħjar. Il-għonja għandu kienu jmorru meta jridu jaqtgħu xi libsa bil-kif.

Ix-xiħ ried iħarreġ lil ibnu Franġisk fil-biegħ tal-ħwejjeġ, imma l-iben ma kienx tal-qatgħa għal dak ix-xogħol. Għax ġewwa qalbu kellu miżrugħa żżerriegħa tal-qdusija, li drabi kif tinżara' ħadd ma jaf. Franġisk aktar mill-ħanut tal-ħwejjeġ kien iħobb il-ġemgħa tal-ħbieb. Kien jgħaddi żżmien magħhom, idoqq u jgħanni, jiekol u jixrob, u jonfoq il-flus kif ġie-ġie.



**San Franġisk jitlaq lejn Ġerusalem.**

Imma darba nqalgħet ġlieda bejn żewġt ibliet, Taljani ma' Taljani, għax in-nies dak iż-żmien kienu boloh ħsara, tlett ijiem tal-karnival. Franġisk kien sejjer jitqabad, imma kif telaq, marad u kellu joqgħod miġbur għal xi jumejn. U darba fil-għodu, kif kien lubienlubien, bejn rieqed u mqajjem, jisma' min jgħidlu:

"Frangisk, fejn sejjer?"

"Nitqabad," wieġeb dak.

"Imma min jista' jfidek l-aktar, is-Sid jew il-qaddej?" raġa' l-leħen.

"Is-Sid," wieġeb Franġisk.

"Mela, għax int titlaq is-Sid u tagħbed il-qaddej? Għax titlaq il-ħwejjeġ t'Alla biex tagħbed il-ħwejjeġ tannies?"

Franġisk ma għarafx iwieġeb, għal hekk il-Leħen raġa' qallu: "Arġa' lejn Assisi u hemmhekk ngħidlek x'għandek tagħmel". U Franġisk kif felaħ, rikeb iż-żiemel u lebbet lejn id-dar.

dar missieru u xtara xaħx u ġir u għodda u qabad jirfidha bix-xilex u jkaħħalha kull imkien. Kif sama' dan missieru, għadab għall-aħħar, u qabdu u żammu maqful f'kamra żgħira fid-dar. Omm Franġisk imma ftit wara fetħitlu u ħarrbitu minn hemm.

Franġisk darba kien jisma' l-quddies u sama' 'l qassis jaqra dik il-qatgħa tal-Evanġelju fejn Ġesù bagħat lill-egħliema tiegħu jxandru l-aħfra taddnubiet. Il-kliem kien qisu dan:

"Morru xandru l-aħbar tajba lill kull ħadd. Għarrfu lill kull ħadd li qorbot



San Franġisk quddiem is-Sultan tal-Eġittu. Melek il-Kamel.

Hemm kull ħadd intebaħ li Franġisk kien inbidel. Dejjem waħdu, dejjem ħusbien, dejjem qalbu sewda. Ifittex il-barr jew xi naqra ta' knisja fir-raba, jistenna li l-Leħen jgħarrfu x'għandu jagħmel. Darba kien waħdu fi knisja żgħira għar-rkubtejh quddiem salib u hemm sama' l-Leħen ikellmu. "Franġisk, dan li rrid minnek," qallu, "mur irfed il-knisja tiegħi għax sejra taqa'. U did-darba l-Leħen kien ħiereġ minn ġewwa s-salib.

Franġisk ħaseb li l-Leħen kien riedu jsewwi dik il-knisja, għax kienet mitluqa għall-rieħha u l-ħitan kollha xquq. Għal hekk dabbar kemxa flus minn

Melkut is-sema. Tieħdux magħkom ikel, anqas ħorġa, anqas żewġ libsiet. Duru bil-morda; naddfu l-imġiddmin; idfnu l-imwiet. Tieħdux flus, la taddeheb, la tal-fidda, anqas tal-inhas. F'kull dar li tidħlu għidu: 'Sliem għal did-dar', u kulu milli jġibulkom, għax min jaħdem jistħoqq li jiekol. Fejn ma jilqgħukomx, morru mkien ieħor. Ma tkunux dortu l-bliet kollha sa kemm inkun ġejt jien."

Franġisk meta sama' dan far bil-ferħ. Qal: "Dan hu li ridt nisma. Din sa tkun ħajti mil-lum 'il quddiem". U kif ħelset il-quddiesa, telaq għal għonq it-triq biex jagħmel kif kien

amar lill-egħliema tiegħu Ġesù.

Bħal ma l-ħażin jiġbor il-ħżiena, hekk it-tajjeb jiġbor it-tajbin. Għal hekk ma' Franġisk inġabru żgħażagħ oħra, li għażluh bi mgħallem tagħhom u bdew jisimgħu minnu u jaqdu lil Bambin kif jgħidilhom hu.

Kienu jmorru jgħinu lin-nies jaħdmu fir-raba: jagħżqu u jiżirgħu; jaħsdu u jidirsu u dan. Jew iduru bil-morda u



San Franġisk jasal Ġerusalem.

jidfnu l-mejtin. U ta' dan ma kienux iridu ħlas għajr il-biċċa tal-ħobż li jieklu. In-nies kienu jaħsbuhom boloh imma kienu jħobbuhom, għax kienu jagħmlu l-ġid dejjem u lil kull ħadd. Hekk Franġisk beda x-Xirka tiegħu li semmieha hu n-nifsu: *Ix-Xirka tal-Aħwa ż-Żgħar.*

Dak iż-żmien kienu jmorru l-Insara l-Palestina biex jirbħu l-Ġerusalem u jifdu l-Qabar ta' Kristu. Imma billi, kif għedna, kienu żmenijiet ta' ħażen u bluha, l-Insara kienu jġibu ruħhom m'hux ta' nies tajba, imma ta' nies ħżiena, wisq agħarr mill-Misilmin. Joqtlu u jisirqu minn kull fejn jgħaddu u warajhom ma jħallu għajr ħerba u dmugħ. Jiġġieldu bejniethom u għal bluhithom jisfa deni dak li kien imissu jkun ġid.

Franġisk ukoll ried imur l-Art Imqaddsa imma m'hux bħala ġellied. Ried imur bħala bniedem t'Alla, li jġorr fih in-nifsu l-hena u s-sliem. Għandu jkun li kien jaf ukoll bil-Għarbi, għal hekk, kif naraw, mal-Għarab ma marx ħażin.

Franġisk l-ewwel ma mar is-Surija u minn hemm niżel l-Eġittu fejn kien hemm il-ħarrieba Insara jeħduha mas-Sultan. L-Insara hemm ukoll kienu jġibu ruħhom ħażin, għal hekk Franġisk beda jwissihom u jurihom bluhithom. M'hux talli ma semgħux minnu, talli għaddewh b'iblah u kellu jitlaqhom u jmur. U la ma redux jisimgħu l-Insara, għadda għand il-Għarab Misilmin.

Il-Misilmin jew ħasbuh miġnun, jew *dirwix* Nisrani, għax kieku kienu jaqtgħulu rasu mill-ewwel qisu qatt ma ġara xejn. Imma f'dinhom għandhom li ħażin għal min jagħmel id-deni 'il xi *dirwix*. U bit-tiela' u n-nieżel, Franġisk daħal quddiem is-Sultan tal-Eġittu, Melek il-Kamel! Ħaġa tal-għaġeb ta' bil-ħaqq!

Is-Sultan, jara quddiemu dak ir-raheb fqir u mċerċer, li ġie b'wiċċu minn quddiem biex irebbħu l-ġenna, ħassu joħla u qalbu nġibdet lejh. Ried jagħtih ġid u għana, imma Franġisk xejn ma laqa'. Ried biss naqra ta' karta biex jitħalla jidħol Ġerusalem u jżur il-Qabar Għażiż ta' Kristu. Is-Sultan tahielu minnu fih.

**Franġisk, armat b'dik il-karta, telaq**

lejn Ġerusalem. Mill-Eġittu tista' tmur bil-mixi Ġerusalem, imma ddum sejjer xi ġimgħa. Hemm dejjem ikunu l-Għarab għaddejjin, u lil min jarawh għani, jisirquh imma lil min jarawh fqir jgħinuh. Għal hekk ta' min jemmen li san Franġisk wasal bil-mixi Ġerusalem. Għax il-Għarab kienu jagħtuh xi ħaġa x'jiekol u aktarx irikkbuh xi rikba fuq xi ġemel jew xi ħmar.

F'Ġerusalem il-Misilmin qabduh u ħaduh għand il-Weli, għax ma kienux jafu li kellu l-karta minn id is-Sultan. Il-Weli kien sa jamar li jaqtgħulu rasu, imma san Franġisk urieh il-karta u l-Weli ma bażax bi ftit. Talbu jaħfirlu u tah il-ħalla li jmur idur kull fejn jogħġbu u jrid.

San Franġisk qata' xewqtu għax żar kemm il-darba ried il-Qabar ta' Kristu. U barra minn hekk, għażel dar battala u talabha lil Weli u dan tahielu. U rawwamha bħala Dejr bir-rhieb tiegħu. Dana ġara bejn is-sena 1219-1220.

Wara raġa' lura lejn l-Italja u miet hemmhekk, fil-Porzjunkla, fit-3 ta' Ottubru fil-għaxija, tas-sena 1226. Kellu 44 sena.

Dan huwa dak li nafuh b'san Franġisk t'Assisi, il-qaddis tal-ħelu, li kien iħobb lil kull ħadd, Insara u m'humiex u li hu maħbub minn kull ħadd, Insara u m'humiex. Għax qalb san Franġisk, dak ir-Raheb żagħżugħ, fqir, imċerċer u mkittef, kienet baħar bla tarf ta' mħabba u ħniena. Għalieh, kull ma hawn fid-dinja — xemx, qamar, u kwiekeb; baħar u art, siġar u għasafar u bhejjem; dud u ħaxix, kollox aħwa tiegħu. Kien jgħannilhom, jitkellem magħhom, iżiegħel bihom u ma jħalli lil ħadd li jagħmel ħsara anqas lil iċken duda tal-art. La ħalaqhom Alla, kien iħobbhom. U la kien iħobbhom Alla, kien iħobbhom u jibża' għalihom san Franġisk ukoll. San Franġisk kien qisu t-tieni Ġesù: Ġesù tal-Ewropa. Bħal Ġesù wera lin-nies li l-muftieħ tal-Hena huwa l-Imħabba. Imma n-nies ma jridux jemmnu, u għal hekk fid-dinja ma hawnx għajr ġlied, għelt u taħbit. U sa kemm ma jemmnux, ma jkunx hawn hena, għożża u sliema.

Fra Ċikk, O.F.M.

## META TAĦSEL TIĠI ĦAŻINA

Meta x-xitan irid iġibha ħażin, iġibha aktar min-naħa waħda. Mela darba kien hemm raġel li kellu baqra u ried ibiegħha u ħadha l-għalqa tal-barrin u hemm kien hemm raġel ieħor li ried jixtriha. Sid il-baqra ried tagħha għaxar liri, imma dak ma kellux fuqu ħlief sitt liri dak il-ħin. "Kollox sewwa", qallu sid il-baqra, "l-erba' liri l-oħra nislifhomlok jien." U dak ħa l-baqra u telaq, u dan li biegħ il-baqra, ġibed lejn id-dar.

Meta kien id-dar qagħad jaħseb u ra kemm kien għelet meta silef erba' liri lil bniedem li ma jafux. U għajjat lill-mara u qalilha kemm kien għamel għemil ta' iblah dak in-nhar.

Hi qaltlu: "Xi ġralna l-lum, x'waħda din! Jien ukoll għelett għalta kbira! Ġie r-raġel li jixtri l-ħarir u jien begħetlu dik is-sorra ħarir li kellna, u biex inqarraq bih u ntaqqalhielu, billi dak il-ħin ma sibtx ħaġa oħra, ħbejtlu ġewwa fiha ħames liri tad-deheb. U wara li ħa s-sorra tal-ħarir bil-ħames liri ġewwa fiha, imbagħad intbaħt kemm kont tqarraqt."

Qabeż ir-raġel u qalilha: "Jiena minn barra, u int minn ġewwa; u d-dar tagħna kemm ġiet sewwa." U dal-kliem sar qawl u għadhom jgħiduh sal-lum.

# IL-PALESTINA FI ŻMIENNA

Il-Palestina l-lum tinsab maqsuma bejn il-Għarab u l-Lhud. Is-sehem li ħadu l-Lhud għamluh il-ġens il-ġdid, imsemmi Israel. U s-sehem li baqalhom il-Għarab, għaqqduh mal-pajjiż Għarbi l-ieħor, imsemmi Ġordanja.

### IN-NIES

Għad li l-Palestina hija maqsuma kif għedna, baqgħet imħallta, bħal ma kienet qabel, billi fiha jgħammru nies qishom mill-artijiet tad-dinja kollha. Fiha għad hemm ħafna għaqdiet ta' nies barranin, li jgħixu kif kienu jgħixu f'pajjiżhom, u jħarsu d-Din u jitkellmu l-lsien ta' pajjiżhom.

L-akbar għadd ta' nies li hemm il-Palestina, huma l-Għarab; warajhom jiġu l-Lhud. U fl-aħħar, il-bqija tannies mill-pajjiżi Ewropin, li l-Palestina jsibuhom b'isem wieħed: il-Franġi.

*Il-Għarab*

Il-Għarab jinqasmu f'qasamtejn: il-Bedu u l-Beledija. Il-Bedu jirgħu l-bhejjem u jgħixu fil-barr; il-Beledija jaħdmu r-raba u fis-snajja', u jgħixu fl-ibliet u fl-irħula.

Il-Bedu mqassmin ħamûla-ħamûla, jew *razza-razza*. Kull ħamûla jkollha r-rajjes tagħha li jgħidulu x-Xejh. Irabbu l-bhejjem u jgħixu taħt għarajjex, li jġorruhom magħhom minnaħa għall-oħra. Jieqfu biss, u għal ftit taż-żmien, fi nħawi fejn ikun hemm l-ilma. Il-Bedu huma l-Għarab ta' demm safi. Il-bhejjem li jrabbu, ikunu nagħaġ, mogħoż, barrin u ġmula.

Il-Beledija, huma l-Fellaħin, li jgħammru fir-rħula u jaħdmu r-raba ta' qrib raħalhom u jrabbu wkoll xi ftit bhejjem; it-Taġġarin, li jixtru u jbiegħu fl-ibliet u l-irħula, u s-Sengħajja, li jaħdmu xi sengħa, bħal ħaddieda, naġġara, bennejja u hekk, li jgħixu l-aktar fil-bliet il-kbar.

*Il-Lhud*

Il-Lhud tal-Palestina huma wkoll imqassmin f'qasamtejn kbar, li huma s-Separdin u l-Askenazin.

Is-Separdin ġej nisilhom minn Spanja u l-Portugall, u jitkellmu lsien imħallat, ftit Lhudi u ħafna Spanjol. L-Askenazin nisilhom ġej mill-Ewropa tan-Nofs u ta' Fuq. Jitkellmu lsien li jgħidulu Jiddix (aqraha bil-Malti, Jiddix; bl-Ingliż tinkiteb: *Yiddish*), li hu magħmul minn ħafna kliem imgħawweġ Ġermaniż u ftit kliem Lhudi. Jingħarfu malajr, għax ikollhom il-*barbetti* twal, imdendlin sa fuq iż-żewġt iġnieb ta' sidirhom.

Ma' dawn hemm il-Lhud Sijonin, li huma Lhud imlaqqta minn kull imkien, li marru l-Palestina biex jaħdmu għall-għan li fl-aħħar din l-art issir pajjiżhom. Ix-xewqa tagħhom seħħet fis-sena 1949.

Is-Separdin u l-Askenażin iħarsu l-Liġi ta' Mosè kif inhi mfissra fil-ktieb tat-Tagħlim tagħhom li jgħidulu Talmud. Is-Sijonin ma għandhomx ħarsien ta' Djiena; jew ma jħarsu xejn għajr it-Tiħir (ċirkunċiżjoni) jew iħarsu mil-liġi dak li jidhrilhom biss.

*Il-Franġi*

Bl-isem ta' Franġi n-nies tax-Xerq jifhmu l-Ewropijin kollha, ikunu ta' liema ġens ikunu, li fil-Palestina huma ta' għadd kbir sew.

### ID-DJIENA

Id-Djieniet mistqarra u mħarsa minnies tal-Palestina huma tlieta: Id-Din Mislem, id-Din Lhudi, u d-Din Nisrani. Kull Din minn dawn imbagħad,

jinqasam fi frieghi mifruda l-waħda mill-oħra, imma jixbħu lil xulxin.

### *Id-Din Il-Mislem*

Id-Din il-Mislem huwa d-Din tal-Qurgħan, li hu mistqarr mill-kotra l-kbira tan-nies tal-Palestina. It-twemmin tagħhom jinsab magħluq ġewwa *formla* qasira li l-Imwedden jgħajjatha minn fuq il-Mejdân (bħal kanpnâr) lejn l-erbat irjieħ, biex jistieden lill-Misilmin għat-talb jew it-tislija. Il-*formla* hija din: "La Ilâħa illa Allâħ, wa Muħammad Rasul Allâħ" (ma hemmx Alla ħlief Alla u Muħammed il-Profeta t'Alla). Id-Din Mislem jorbot lil dawk li jemmnu bih, li: jħallsu l-egħxur u jsumu xahar ir-Ramadân; u jħajjarhom li jżuru l-Mekka. L-erba' taqsimiet li fihom hu maqsum id-Din il-Mislem (Xagħfijin, Mombalin, Ħamfijin u Melkijin) jieħdu ħsiebhom ir-rajjisin tal-knejjes ta' kull taqsima, li mbagħad, fuqhom kollha jinsab il-Mufti ta' Ġerusalem.

### *Id-Din Tal-Lhud*

Id-Din Lhudi huwa mħares minn dawk iż-żewġ taqsimiet li jgħidulhom Separdin u Askenażin, li semmejna fuq. Dawn iħarsu l-Liġi, jew Toraħ, kif inhi mfissra fil-ktieb tat-Talmud. Hemm ukoll Lhud li jgħidulhom Karajin, li jħarsu d-Djiena kif inhi miktuba fit-Toraħ biss, u ma jqisux it-Talmud.

Imbagħad hemm is-Samrijin; dawn kienu Lhud li meta ttieħdu misbijin u lsiera fl-Assirja, tħalltu man-nies ta' dik l-art u ħalltu wkoll id-Din Lhudi mad-Din tal-Assirin. Minn żmien twil 'il hawn is-Samrijin qegħdin jonqsu dejjem fil-għadd. Bħal issa fil-Palestina jinsabu minnhom xi mitejn u ħamsin ruħ biss, bejn kbar u żgħar. Jgħixu mal-Misilmin fil-belt ta'Nâblus.

### *Id-Din Ta' L-Insara*

Id-Din Nisrani fil-Palestina hu mistqarr u mħares mill-Kattolki Rumani u minn ġemgħat oħra li nqatgħu mill-Knisja ta' Ruma. Il-Kattolki ta' Rit Latin fil-Palestina huma ma' dwar l-erbgħa u għoxrin elf, imqassmin f'Parroċċi li jieħdu ħsiebhom uħud ir-Rħieb Franġiskani u oħrajn il-Qassisin tal-Patrijarka Latin ta' Ġerusalem. Hemm ukoll kotra ta' Kattolki ta' Rit Xerqi, li jitqassmu fi Griegi, Maronijin, Armeni, Sirjani u Kaldijin.

Fost dawk li m'humiex Kattolki l-aktar li hemm Griegi Ortodossi, bl-Isqfijiet u l-Patrijarka tagħhom. Hemm ukoll Protestanti u Armeni Gregorjani. Anqas minn dawn fil-għadd jiġu l-Qoptin, l-Abbisini u l-Ġakobiti Monofisiti.

### IL-FRANĊISKANI

Minn seba' mitt sena 'l hawn, il-Franġiskani tal-Qabar ta' Kristu ilhom jaħdmu x-xogħol tagħhom tad-Djiena Nisranija, fost din it-taħlita ta' nies. Kif kull ħadd jista' jifhem, huwa xogħol tqil u jiebes ħafna, imma li l-Franġiskani dejjem ħadmuh tajjeb u ħarġu ta' rġiel. Dana jixhduh il-Papiet li dejjem faħħru u wrew qima lejn ir-Rħieb Franġiskani ta' l-Art Imqaddsa.

Il-Papa Piju XII, fl-ittra li kiteb lill-Franġiskani f'egħluq is-sitt mitt sena mit-Tisjis tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa, fost ħwejjeġ oħra, kiteb dan il-kliem: "Aħna nafu li f'dik l-Art Imbierka bit-Tixrid tad-Demm tal-Ħellies Divin, intom taħdmu bla heda biex id-dawl tas-sewwa jiddi fl-imħuħ tal-Aħwa Mifruda, ħalli jerġgħu jixteħtu fil-ħdan tal-Knisja Kattolka, u biex ix-xogħlijiet ta' ħniena u ta' għajnuna mwaqqfa u mmexxija minnkom, jagħmlu għalel bix-xaba' għall-ħelsien ta' l-Erwieħ".

ECHO.

# GĦAXAR XHUR FI QBEJBA

"Qbejba?!... Qbejba x'inhi?" nistħajjilek issaqsi inti li qiegħed taqra. Xejn, xejn! Qbejba isem ta' raħal. Issa ngħidlek fuqha, istenna ftit.

Għax jien, meta kont il-Palestina, għad li kelli ħsieb li nibqa' hemm għal dejjem, f'qalbi kont inħoss li kelli narġa' niġi Malta. Kelli narġa' niġi u nikteb xi ħaġa fuq hemmekk, kif ġara u għadu jiġri ta' bil-ħaqq. Għal hekk, mill-Palestina kont irrid nara kemm jista' jkun, ħalli meta niġi, ikolli xi rani wieħed, xiħ u trux, jismu Sliman. U dan ma kienx minn dak ir-raħal. Kien minn Għajn Karem. Mar joqgħod hemm għax kien jaħdem mar-Rħieb.

Biex naqta' qasir, ħdejn dar-raħal kien hemm ħerba ta' knisja qadima. Dil-ħerba xtratha waħda għanija Franċiża, il-Markiża De Nicolay, u tatha lill-Franġiskani. Dawn l-ewwel bnew naqra ta' Dejr u kappella quddiem il-ħerba imbagħad wara, meta kellhom il-flus, bnew knisja kbira u Dejr, il-



**QBEJBA: Il-Knisja, id-Dejr u l-ġnien tal-Franġiskani; u fuq ix-xellug: l-Iskola tal-Postulanti. Fil-warrani tax-xbieha: Xori u blat.**

ngħid. U meta kien jidhirli li qagħadt ftit żmien sewwa x'imkien, kont irrid nitlaq għal xi mkien ieħor, ħalli dejjem indur.

Mela, sena waħda mort ngħallem xi ħaġa fl-iskola tal-Postulanti; jiġifieri fl-iskola li fiha l-Franġiskani jżommu t-tfal u jgħallmuhom biex isiru rħieb.

Din l-iskola qiegħda f'naħa wegħra tal-Palestina, lejn il-Għarb ta' Ġerusalem, ma' ġenb raħal jismu Qbejba, imgħammar kollu kemm hu bil-Misilmin. Fih ma kienx hemm għajr Nisġmiel tiegħu, magħha. Id-Dejr żgħir u qadim ta' quddiem il-knisja, għamluh skola għall-Postulanti u huma ntoqlu, jew *ittrasferew* fid-Dejr il-ġdid.

Jien domt ngħallem għaxar xhur f'din-naqra ta' skola. Għaxar xhur ta' dwejjaq min-naħa u hena min-naħa oħra. Mewġ-mewġ, daqqa 'l isfel u daqqa 'l fuq. Fir-raħal ta' Qbejba qatt ma dħalt, għax in-nies tiegħu kollha Misilmin, jaħdmu xi naqra fir-raba, bla ebda tagħlim, donnhom uħux. Irħula bħal dawn ma jkunx fihom u la

ħwienet u anqas xejn. Griebeġ biss. In-nies ma jixtrux, għax jgħaddu bi ftit mill-anqas. U billi jkollhom xi roqgħa raba u xi baqra u xi nagħaġtejn, kull ħadd, li jkollu jgħaddi bih.

Għal hekk jien, hemm, kelli nqatta' ħini qisu kollu mat-tfal biss. Ir-Rħieb li kien hemm fid-Dejr, k'enu ftit u jew xjuħ jew morda, li jien, xebb ta' ftit fuq il-għoxrin sena, ma kontx insib fuq iex nitħaddet magħhom. Kien hemm is-sagristan, Fra Rizzerio Tiozzo, minn Venezja, agħma, b'għajn waħda talħġieġ, dejjem jiftaħar bil-knisja tiegħu. Kien hemm Patri Bray, dejjem magħluq fil-kamra, ma joħroġx għajr għall-iskola. Kien hemm Patri Atanasju, Għarbi, hekk ukoll. Patri Beniamino Diomede, il-President kien marid, dejjem igemgem fuq l-ikel. Fra Guido, naqra rasu mgerfxa, kien jaħdem xi ħaġa fil-ġnien, u Ajk ieħor, insejt x'ismu, li kellu dewwidija ħamiem, dejjem meħdi bih, jagħalfu, inaddaflu, u jgħajjatlu: "Kukuku!" u l-ħamiem jiġi jdur ma' rasu donnha sħaba, minn fuq il-kanpnar tal-knisja, minnufih.

Tfal, jiġifieri Postulanti kien għad hemm ftit dak iż-żmien. Tmienja Taljani, tlieta Għarab u tnejn Maltin. Il-jum kien jgħaddi hekk: fil-għodu l-quddies. Wara belgħa kafè u ftieta ħobż (għax hemm ma jafux bi *breakfast*). Imbagħad skola. Naqra mistrieħ u skola mill-ġdid, sa nofs inhar. Ikel, ftit logħob, u skola mill-ġdid. Wara l-iskola t-tfal jieħdu l-*merenda*, li kienet tkun biċċa ħobż u laringa, iew ftit tin imqadded, jew żbib jew lewż, u dan.. Jien kieku ridt kont nista' niekol xi ħaġa wkoll dak il-ħin, imma qatt ma kilt għajr xi laringa, għax kont nistħi, għad li kien ikolli ħotfa kbira u ġuħ. Għax, jien kont għadni żagħżugħ, u Obejba qiegħda fil-għoli u l-ieraħ, u hemm fix-xitwa jagħmel ħafna ksieħ (trid taf kemm jagħmel ksieħ? Darba bil-lejl, kif kont naqra quddiem mejda bi gverta mdawwra ma' saqajja, it-tubu tal-lampa faqqa' quddiemi bil-ksieħ!). U fejn ikun hemm il-ksieħ, bniedem, ikun jeħtieġ kalorijiet għal saħħtu aktar minn fejn ikun hemm is-sħana.

Qrib id-Dejr kien hemm ġnien u t-tfal ġewwa fih kienu jmorru jilgħabu. Il-ġnien kbir u fih bħal toroq min-naħa għall-oħra, dritti xemgħa, u ma' tulhom it-tfal kienu jtellqu biċ-ċrieki, min jiġri l-aktar. U jien ukoll kont rawwamt ċirku, u għamilt ħadida bħal ta' Malta u kont intellaq ma' min irid.

Fil-ġnien kien hemm balluta u ma' ġenbha mħaffra fil-blat menqa daqsiex, li kienet iżżomm l-ilma qisha s-sena kollha. F'dan l-ilma kienu jgħammru kotra kbira ta' żringijiet u kienu bil-lejl jgħajjtu għajjat kbir, m'hux bħażżringijiet ta' Malta. Għax ta' Malta igħannu ftit ukoll, imma l-iskala tagħhom fiha żewġ noti biss, u jgħannu dejjem lilhom: *Do-re, do-re, do-re.* Iż-żringijiet tal-Palestina m'hux hekk. Iew jgħajjtu bħat-tiġieġ: "Waaaaq! Waaaq!" jew bħall-maskarati fil-Karnival: 'Rrrrrrrr! Rrrrrrrr!. Jibda żrinġ wieħed, imbagħad jaqbdu kollha. Wara ftit jisktu u mbagħad jaqbdu mill-ġdid. U jibqgħu sejrin hekk il-lejl kollu kemm hu twil.

Fil-għaxija, fis-sajf, it-tfal kienu joqogħdu ġewwa gallarija kbira mikxufa, għad-dawl ta' qamar. It-Taljani kienu jafu ħafna minn dawk il-għanjiet tagħhom, bħal *Santa Lucia, Fra Galdino, Sbazzacamin* u hekk, u kienu jgħannuhom ħelu wisq. Il-gallarija kienet tagħti għal fuq ix-xorti. Ma kien jidher qatt ebda dawl, għax hemmekka ma kienx hemm djar. Xejn ma jidher ħlief blat, blat, blat. Blat qargħi u abjad fid-dawl ta' qamar. U ma tistama' ebda ħoss ħlief il-"Waaaq" u l-"Kurrrrrr" taż-żringijiet.

Issa isma' din kemm hi ħelwa, la darba qegħdin nitħaddtu fuq il-lejl. Il-Postulanti kienu jorqdu ġewwa sala kbira b'żewġ saffi sodod, u fit-tarf tas-sala kien hemm żewġ kmamar żgħar, kamra jorqod fiha d-Direttur u kamra norqod fiha jien. Il-kamra tiegħi ma kienx fiha tieqa. Kien fiha loġġ jagħti għal fuq il-bejt, tiġbidlu sinsla jinfetaħ, tiġbidlu sinsla jingħalaq. Mela darba fis-sajf kienet is-sħana u jien ġbidt is-sinsla u ftaħt. Wara ftit nara xi ħaġa, ittir u ddur fil-kamra, kien farfett il-lejl. Ġbidt is-sinsla u għalqtu ġewwa. Għedtlu: "Oqgħod sa fil-għodu. Fil-għodu narak." Fil-għodu fittixtu ħafna u ma stajtx insibu. Fl-aħħar sibtu mdendel rasu 'l isfel, mar-*raincoat,* li kienet fuq il-witet, wara l-bieb. Qbadtu b'maktur u qegħdtu ġewwa landa tas-sigarretti u xħettu fil-but, u waqt il-logħob tajtu lil Giuseppe Mascolo, tifel Taljan, minn Napli, l-ewwel wieħed li rajt quddiemi. Dan fetaħ il-landa, u mal-li rah beda jgħajjat lil sħabu: *"Venite a vedere una scimmia! Una piccola scimmia!"*

Ħarġu mil-landa u qegħdu fl-art. Beda jitkaxkar u jwerżaq u jiftaħ ħalqu, donnu jrid jigdem lil xi ħadd, u t-tfal kollha jħarsu mdawwrin miegħu. Imma meta deherlu, *firrrrr,* tar għal



**IR-RĦIEB U POSTULANTI TA' QBEJBA.**

**Mix-xellug għal-lemin: Iż-żewġt Irħieb ta' wara, Fra Guido u Fra Rizzerio. Tfal weqfin: Albert Rock, Franġisku Dingli (il-lum Kappillan tas-Sacro Cuor), Ġużeppi Cauchi (il-lum Qassis, San Bastjan, Ħal Qormi), Ottavio Moretti, Giuseppe Mascolo, Achille Poletti, Peppino Governanti, Jagħkub Rock, Guido Palmieri, Achille Lupo, Marrun Akiki. It-tliet Irħieb bil-qegħda: P. Emidio Censori, Direttur; P. Beniamino Diomede, President. P. Atanasio Massabqi, Surmast. It-tfal bilqegħda fl-art: Giuseppe Berardi u Leandro Palmieri (ħu Guido).**

gos-sema! Min jgħid li l-friefet il-lejl ma jarawx bi nhar? Dar żewġ dawriet u niżel bħal berqa għal ġewwa sigra tal-lewż.

Il-għada nġajt ftaħt il-loġġ, għalli jista' jkun, biex jidħol xi farfett ieħor. Stennejt ħafna għal xejn. Tagħni n-ngħas u kif kont mimdud, lubien-lubien, bejn rieqed u mqajjem, inħoss ħaġa kiesħa tidħol minn ġo għonqi, tiġri ma' ġismi kollu u toħroġ mill-qalza tal-piġama! Aqta' x'kienet? Kienet wiżgħa! Qabżet mil-loġġ għal fuqi, fid-dlam.

Wara dik inhar il-loġġ ma ftaħtux aktar, għax jidħol farfett il-lejl kollox sewwa, imma wiżagħ ġo għonqi ma rridx.

Nhar ta' Ħadd, id-Direttur, Patri Censori, kien jiġbor it-tfal u joqgħod jaqralhom *"I Promessi Sposi"* ta' Manzoni, fuq it-taraġ tal-Knisja. Ġie li konna mmorru fuq il-*Montagnola*, li kienet naqra ta' għolja kollha siġar, imdawwra b'ħajt, u taħt is-siġar kien ikun hemm il-faqqiegħ (jew *funghi*, bit-Taljan). Jew immorru nduru fix-xôri u niġbru "samples" taż-żrar, ħaxix, friefet u bebbux.

It-Taljani nies minn tagħna. Lili t-tfal Taljani kienu jistħajjluni huhom. Kien hemm tnejn żgħar li ma kellhomx aktar minn għaxar snin. Wieħed Giuseppe Berardi, minn Marche u l-ieħor Peppino Governanti, minn Sqallija. Il-lum it-tnejn Patrijiet. Berardi kien iħobb, waqt il-logħob, jiġi fuqi u jigdimli wiċċi. Kellu snienu rqaq u jniggżu, donnhom snien ta' qattus. Governanti meta d-Direttur kien ikun jaqra, kien jiġi jmidd rasu fuq ħoġri u jorqod. Ruħi ibni, darba kemm beka! Bagħtu jgħidulu li missieru u ħuh sabuhom maqtulin mill-ħallelin, Sqallija, ġewwa masġar. Għallquhom lit-tnejn, m'hux b'ħabel, b'biċċa *fildiferru*. Aħjar ma qalulu xejn.

U hekk għaddew ukoll dawk il-għaxar xhur li domt fi Qbejba. Minn dak iż-żmien, dawk it-tfal kibru, tlieta telqu u l-oħrajn saru Patrijiet jew, dawk li t-tagħlim deħrilhom jiebes, Aħkijiet. U jiena xjaħt u qiegħed hawn Malta. Il-ġrajjiet waqgħu ġewwa d-dagħbien tal-imgħoddi u ma fadalx minnhom għajr naqra ta' ħjiel, donnu ħolma. U ftit minn dal-ħjiel ktibtu hawn, biex ma jintilefx għal kollox, imma min jaqra jgħaddi ż-żmien.

ELSIE.

---

## IL-KELMA "BNIEDEM"

Fl-Evanġelju bil-Grieg, miktub bosta drabi li Ġesù kien isejjaħ lilu n-Nifsu: *yios tou anthrôpou;* u bil-Latin: *filius hominis*. Imma Ġesù ma kienx jitkellem bil-Grieg, anqas bil-Latin. Kien jitkellem bl-Arâmi, ilsien jixbaħ lill-Malti. Mela, bil-lsien tiegħu, kif kien jgħidha dil-kelma Ġesù?

Ġesù bil-lsien tiegħu kien jgħid jew *ben baxar* (li minnha ġejja l-kelma Maltija *bixra*), jew *ben nâx* (bin nies) jew, aktar minn l-oħrajn, kien jgħid *ben Âdam*. Din ta' l-aħħar qisha bil-Malti: *bin-iedem*, għax aħna l-*a* twila wisq drabi nagħmluha *ie*. Minn dan jidher kemm nagħmlu ħażin aħna l-Maltin meta dil-kelma ta' Ġesù naqalbuha bil-Malti: *Bin-il-bn-iedem*, għax hekk inkunu ngħidu li Ġesù ma kienx jgħid li hu Bin Adam, imma n-neputi ta' Adam: ben-ben-Adam, jiġifieri: iben ta' iben ta' Adam. Dan Ġesù ma kienx jgħidu. Issa, mhux aħjar kieku nibdew ngħiduha u niktbuha sew: BIN ADAM? Għax kif ngħiduha issa bil-Malti Ġesù *ċert* li ma qalha QATT!

# LEJL IL-MILIED F'BETLEHEM

Kien il-jum 24 ta' Diċembru, "Ċlinn-ċlinn! Ċlinn-ċlinn!" daqqet il-qanpiena. U kif daqqet is-subien tar-raba' klassi, fl-iskola tal-Franġiskani, f'Ġerusalem, minn statwi tal-laħam, ħadu l-hajja u bdew jiġbru l-kotba u l-karti u jqiegħduhom fil-basktijiet. Kien hemm ħafna tħaxwix u ftit tpespis u mbagħad skiet mill-ġdid; imma minn flok bil-qiegħda, qamu kollha bil-wieqfa.

Jien kont hemm, wieqaf, dahri lejn il-mejda; u meta rajt it-tfal kollha weqfin u siekta jħarsu lejja, irfajt idi l-leminija fuq xbini u għidt: "B'Ism el-Ab!"

"B'Ism el-Ab wa l-Iben wa r-Ruħ el Qudos Ilaħ el-Wâħed, Emien!" wieġbu t-tfal. Imbagħad għedt is-Sliema bil-Għarbi u huma wieġbu l-Qaddisa. "Ja Korsi el-Ħikma!" (Sedes Sapientiae) għedt jien. "Selli li eġilna" (ora pro nobis), wieġbu t-tfal, u għamiltilhom sinjal b'idi u bdew ħerġin 'il barra.

Qbadt il-kotba minn fuq il-mejda u ħriġt jiena wkoll. Sellimt lill-Ajk is-"sorvegliante" li kien wieqaf fil-kuritur u ġbidt 'il barra.

Kif kont nieżel it-taraġ u kont inżilt xi sitt targiet, nisma' ħoss ta' xi ħadd jiġri u tifel xiref minn ras it-taraġ u għajjat warajja: "Mgħallmi! Mgħallmi! Ir-rajjes biddu ijjâk. Kellem ir-rajjes!" (id-direttur iridek. Kellem lid-direttur).

Dort u rġajt qbadt tiela' t-taraġ bil-qalb it-tajba u mort l-uffiċċju tad-Direttur, Patri Lwiġ Masini. Qasir qasir, bil-mustaċċi u bla leħja, imleflef fil-manteli. Stħajjiltu xi wirdiena tal-ġwinħajn. "Eccomi, Padre Direttore" għidtlu.

"Għadek bil-ħsieb li tmur Betleħem wara nofs in-nhar?" staqsieni.

"Iva, għadni", wieġibtu.

"Mela tridx tagħmilli pjaċir?"

"Jekk nista', dejjem qaddej tiegħek," erġajt jiena.

"Mela għaddili hawnhekk u ħudli miegħek is-subien tal-kant. F'xi s-sagħtejn ikunu jistennewk. Fra Girgor mar qabel biex iħejji fejn joqogħdu Casa Nova. Inti ħudhom miegħek u



**Dehra ta' Betleħem, in-naħa tax-Xerq (east). Tidher it-triq il-ġdida li minn taħt il-belt tiehu għal quddiem il-Bażilka. Il-kanpnar il-kbir hu tal-Griegi u ż-żgħir tal-Franġiskani.**

kif tasal itlaqhom f'idejh."

"Kollox sewwa," weġibt jien. "Saħħa," u tlaqt.

Ftit qabel is-sagħtejn irġajt għall-iskola. Dħalt u t-tfal kienu weqfin, imbiddlin, jistennewni fil-kuritur. Bqajt dieħel għand id-Direttur u: "Jien



**L-għaxart itfal li jissemmew f'dil-kitba, ma' Fra Girgor Sarrâf. Ismijiet, mix-xellug għal-lemin: Lwis Aħmarani, Mikiel Swejda, Hanne Serena, u Faraħ Daħil. Isfel: Stefan Xokri, Sliman Ħabib, Imbarak Girjes, Amedeo Carmignani u Farid Sabella. It-tifel ta' wara Amedeo, wiċċa ma jidhirx. Ritratt meħud f'Betlehem, millkittieb.**

hawn," għidtlu. "Aħna sejrin. Trid tgħidli xi ħaġa?"

"Xejn. Buon viaggio", weġibni. Għalhekk irġajt għal ħdejn it-tfal u ħriġna 'l barra flimkien.

Inżilna t-taraġ u ħriġna. Huma jimxu tnejn tnejn quddiem u jien ftit 'il bogħod warajhom. Barra kien ħafna ċaflis għax fit-toroq ta' Ġerusalem ma kienx għad hemm l-asfalt bħalma hemm il-lum. Kien iċ-ċirċ u l-bard sewwa. Ilwejna lejn Bieb il-Ħalil fejn ikunu l-karozzi ta' Betlehem u rkibna u tlaqna.

Minn Ġerusalem sa Betlehem ma hemmx bgħid għajr xi ħamest imjiel. Għalhekk malajr wasalna, l-aktar kif isuqu d-'drivers' t'hemmhekk. Kif wasalna u nżilna mill-karrozza naraw lil Fra Girgor ġej lejna. "Hawn uliedek" għedtlu. "Ħudhomli ħa' nitlaq 'l hemm!"

"Imma inti mgħaġġel wisq?" staqsieni.

"Għal hawn jien," weġibtu. "Irrid immur inżur il-Għar."

"Mela ħudhom iżuru l-Għar miegħek. Żommhom daqs nofs siegħa oħra. Imbagħad ġibhomli Casa Nova. Slimân jaf fejn. Slimân, f'dik is-sala l-kbira tas-sena l-oħra."

Fra Girgor baqa' sejjer u aħna ġbidna lejn il-Knisja. "Issa la timxux tnejn tnejn; u tħadtu kemm tridu. Issa aħna m'aħniex ta' l-iskola. Aħna 'żawwarîn'."

"Mgħallmi, ara kemm hi qadima dil-knisja!" qalli Farîd, wieħed missubien, kif ra l-ħitan imħaffra u mittiekl biż-żmien.

"Qadima ngħid," weġibtu jien. "Taf li dik għandha mill-ħames seklu?"

"Kemm ilu l-ħames seklu mgħallmi?" saqsieni Mikiel Swejda.

"Aħna issa fis-seklu għoxrin. Kull seklu fih mitt sena. Mela dil-knisja nbniet ħmistax-il mitt sena ilu."

"Ja Allaħ!" qalu b'għaġeb kemm il wieħed, u bqajna sejrin.

Dħalna ġewwa l-knisja, u wrejthom u fissirtilhom fuqha kull ma kont naf. Rajna d-daħla fejn l-insara dari kienu jagħmlu t-Tewba; il-bieb ta' żmien Ġustinjanu; iż-żewġ saffi ta' kolonni

fuq kull ġenb u l-fdal ta' xbihat ta' qaddisin li għadhom jidhru fuqhom. Il-ħrieġi tal-mużajk fuq il-ħitan, u aktar 'il ġewwa s-slaleb imħaffrin fir-rħam bħala tifkira ta' min ikun ġie jżur Betlehem fiż-żmenijiet il-qodma, u teftif bħal dan.

Inżilna fil-Għar ta' Betlehem. Qagħadna għarkobbtejna u għedna Kredu t'ġieħ il-Bambin, u bisna l-Kawkba tal-fidda mwaħħla fuq il-post fejn twieled il-Bambin. Imbagħad tlajna 'l fuq u morna sibna lil Fra Girgor, Casa Nova.

Kif ħallejt it-tfal f'idejn Fra Girgor, bqajt tiela' sa fuq il-bejt ta' Casa Nova li minnu ġġib taħtek il-Betlehem kollu u r-raba' ta' ma' dwaru. Ħassejt għafsa ta' qalb kbira u għal ftit ma qbadtx nibki, għax dak iż-żmien kont għadni tfal u ma kontx ili li tlaqt minn Malta, u lanqas kont għadni drajt il-Palestina. Għalhekk dik id-dehra tal-għelieqi bil-ħitan tas-sejjieħ, u mal-ħitan siġar tat-tin u tal-bajtar tax-xewk u dwieli, bħal Malta xorta waħda, qanqlet fija f'daqqa bħal mewġa qawwija ta' nostalġija. Imma xejn ma ġara. Dħakt ftit bija nnifsi u għaddieli malajr.

Qabel ma nżilt minn hemm, f'nofs il-bejt sewwa, ilmaħt arloġġ tax-xemx. L-arloġġ ma kienx juri x'ħin kien għax dak in-nhar ma kenitx xemx. Bħalma għedt qabel, l-ajru kien miksi bi żlieġa waħda, sħiħa, min-naħa għall-oħra. Ma rajtx x'ħin kien minnu, imma qrajt il-kliem li kien miktub ma' dwaru u għadni niftakru s'issa. Il-kliem kien igħid hekk: *Periclitamur omni hora.* Li jfisser: "Kull ħin aħna fit-tiġrib."

Inżilt minn hemm u rġajt għall-Knisja, u mort inżur is-Santwarji ta' taħt l-art. Hemm il-kamra fejn San Ġlormu qaleb il-Bibbja mill-Grieg għal-Latin. Hemm il-qabar tiegħu u l-qabar ta' żewġ qaddisin oħra li kellu miegħu. Hemm il-Kappella tat-Trabi Innoċenti u ma nafx kemm-il artal 'il hawn u 'l hinn.

Minn hemmhekk ħriġt barra. Il-Misraħ ta' quddiem il-Knisja ta' Betlehem kien mimli bin-nies. Ftit wara, il-Patrijarka ta' Ġerusalem wasal u l-qniepen bdew idoqqu bil-kbir. Il-Patrijiet Franġiskani ħarġu jilqgħuh bil-purċissjoni flimkien mat-tfal tal-kant ta' Betlehem u l-għaxra li kont ġibt jien minn Ġerusalem. Daħħlu l-Patrijarka ġewwa l-knisja jkantaw il-Benedictus, u wara sar il-għasar kantat.



**Il-Għar ta' Betlehem; fix-xellug: ir-rokna Mqaddsa fejn twieled Ġesù; fil-lemin fejn kienet il-Maxtura.**

Wara l-għasar kulħadd ħareġ 'il barra.

Il-misraħ ta' quddiem il-knisja kien ġeġwiġija waħda nies, u għadd ta' motor cars kienu waqfin mal-ħitan, waħda wara waħda. Fost in-nies ilmaħt wieħed żagħżugħ Armen Kattolku li kont nafu Ġerusalem.

Qgħadna nitħaddtu flimkien u wissieni mill-"pickpockets" u stagħġibt wisq meta smajt li kien hemm din ix-xorta ta' nies fil-Palestina. Imbagħad tlabtu jidħol miegħi f'ħanut tal-Għarab għax kelli xewqa li niekol xi ħaġa ta' l-ikel Għarbi dak in-nhar, jew aħjar dik il-lejla, għax kien għoddu dalam. Waħdi donni ma ridtx nidħol

għaliex kont inħossni għarib. Għalhekk dħalna u kilna u xrobna ftit inbid u pejjipna sigarrett. Tkellimna ftit ieħor u jiena rġajt lejn il-knisja u hu telaq lejn Ġerusalem.

Ma' ġenb Casa Nova, li hi qrib il-knisja, kien hemm Ajk Franċiż, minn Gerusalem, li nafu ħafna. Għajjatli u qalli: "M'intix sejjer tara ċ-Ċinema?"

"Iċ-Ċinema fejn?" staqsejtu jiena. "Mela Betlehem hawn iċ-Ċinema wkoll?"

"Hawn ġewwa," qalli, jurini b'idu. "Dal-waqt tibda. Jien ma niġix għax ma nistax. Għandi noqgħod fil-bieb nilqa' n-nies u nurihom il-post tagħhom f'Casa Nova għal dal-lejl."

Għalhekk mort u dħalt fejn qalli. Kienet sala kbira mimlija bil-bankijiet ta' l-iskola u fuq il-bankijiet ħafna nies. Qagħadt bilqiegħda jien ukoll. Ftit wara d-dawl intefa u ċ-ċinema bdiet.

Ma kenitx sabiħa wisq. Deher "Aquarium" b'ħafna xorta ta' ħut. Imbagħad qatigħ suldati għaddejjin bil-kanuni u ż-żwiemel u għodda tal-gwerra. Wara veduti ta' bliet ta' l-Ewropa u xi żewġ ċekċikiet oħra ta' dal-ġens.

Meta ħelset iċ-ċinema kien sar il-ħin sewwa għax instemgħu l-qniepen tal-knisja jdoqqu għall-quddiesa ta' nofs il-lejl. Il-kurituri tal-Kunvent kienu mimlija bin-nies u ġewwa l-Knisja rassa waħda. Nisa u rġiel; Għarab u Ewropej. Suldati Ingliżi kien hemm qatigħ wkoll. Għadd sewwa ta' Qassisin u Patrijiet li ġew biex iqaddsu hemmhekk f'lejl il-Milied. Min jitkellem bil-Għarbi, min bl-Ingliż, min bil-Franċiż u min bit-Taljan.

Il-"Ħafla" jew funzjoni bdiet bid-daqq ta' l-Orgni u kant. Imbagħad ħarġet il-Quddiesa l-Kbira, kantata b'erba' leħnijiet. Patrijiet u tfal. U wara l-Quddiesa saret il-purċissjoni bil-Bambin minn fuq l-artal il-kbir għal ġewwa l-Għar.

L-ewwel ma kienu jimxu l-qawwâsa, jħabbtu fl-art bil-bsaten bir-ras tal-ħadid. Imbagħad is-salib u l-kandlieri u wieħed bil-bħur. Imbagħad it-tfal tal-kant u warajhom il-Patrijiet u l-Qassisin. It-tfal ta' Ġerusalem u ta' Betlehem flimkien, kienu lebsin suttana ħamra u rukkett tal-bizzilla bajda, b'naqra ta' barnuż. L-oħrajn bl-ispellizza u kulħadd bix-xemgħa u l-ktieb. Il-Patrijiet ikantaw strofa u t-tfal iwegħbuhom bi strofa oħra mill-Innu sabiħ u qadim ta' Prudenzju:

*Jesu Redemptor Omnium,*
*Quem Lucis ante Originem*
*Parem Paternae Gloriae*
*Pater Supremus edidit.*

Wara kulħadd kien miexi l-Kustodju tat-Terra Santa bil-mitra f'rasu u ġmiel ta' Bambin f'idejh li tistħajlu tarbija ta' bil-ħaqq. Ħarġu mill-Knisja u daru l-kurituri tal-kunvent, mexjin bil-qajl bejn żewġ saffi ħoxnin ta' nies. Daħlu l-knisja l-qadima u niżlu fil-Għar. Qiegħdu l-Bambin fil-maxtura, kantaw ftit u reġgħu lura mnejn ġew.

Dak il-ħin fl-artal waħdani tal-Kattolki li hemm fil-Għar beda l-quddies. Qassis jibda l-quddiesa malli ieħor itemm. Qagħadt hemmhekk u smajt kemm-il quddiesa. Imbagħad tlajt Casa Nova u xrobt kikkra kafè. U meta rajtu li sebaħ, irkibt karozza u rġajt lejn Ġerusalem.

Lu.

---

## QWIEL TAL-PALESTINA

*Ħobb is-sadaq u law darrak; abgħad il-każeb u law sarrak.* Ħobb is-sewwa għalkemm tagħmillek id-deni, u obgħod il-gideb, għal kemm jagħmlek hieni. Tajjeb kieku n-nies jagħmlu hekk, imma ħafna ma jagħmlux hekk.

# IL-PELLEGRINAĠĠ MALTI FL-ART IMQADDSA

Wara snin ta' tfixkil fl-aħħar stajna nsawwru Pellegrinaġġ Malti għall-Art Imqaddsa. U dan sar f'din is-sena, mis-6 sat-28 ta' Awissu li għadda, taħt il-ħarsien tal-Eċċ. Tiegħu Mons. Arċisqof Metropolita tagħna u mmexxi mill-W.R.P. Nikola Magro, O.F.M., Kummissarju tat-Terra Santa f'Malta u Għawdex.

Dak li jolqot l-iżjed f'dan il-Pellegrinaġġ ma hux il-għadd tal-Pellegrini Maltin li ħadu sehem fih, imma t-tfixkil kbir ħtija tal-qagħda mwegħra tal-artijiet li fihom jinsabu l-Imkejjen Imqaddsa. B'dana kollu l-Pellegrini Maltin ma qatgħux qalbhom u nhar it-Tnejn, 6 ta' Awissu rkibna l-vapur "Argentina", u fit-8 ta' filgħaxija rħejnilha lejn Sirakuża u minn hemm lejn Napli, fejn inxtħetna quddiem il-Madonna ta' Pompej u l-pellegrini semgħu l-quddies u tqarbnu b'ħeġġa kbira.

Nhar il-Ħamis, 9 ta' Awissu filgħaxija rkibna fuq l-"S.S. Grimani" minn Napli fejn ingħaqadna mal-Pellegrinaġġ l-ieħor tal-Pawlini ta' Milan u baħħarna flimkien għall-Pirew, fejn wasalna nhar is-Sibt wara nofs in-nhar. Hawn għamilna dawra bl-awtopullman ma' Ateni u żjara lil Akropoli, fejn hemm dawk il-plieri għolja u minquxa tal-Partenon. Mill-Pirew tlaqna għal Ċipru fejn għamilna żjara lil dik il-gżira u morna sal-kastell ta' Kolossi u minn hemm tlaqna għal Ħajfa fejn wasalna l-għada mas-sebħ, it-13 ta' Awissu.

**17-il qassis iqaddsu kuljum**

Kienet ħaġa ta' faraġ li fuq il-vapur, minn Napli sa Ħajfa, is-17-il qassis li kien hemm fil-Pellegrinaġġ, kienu jqaddsu kull filgħodu. Fl-10 imbagħad il-Pellegrini kienu jinġabru flimkien, fejn il-mexxejja tal-Pellegrinaġġ kienu jagħmlu taħdita fuq l-Art Imqaddsa u wara jaqraw xi silta mill-Vanġelu u fl-aħħar jagħtu xi twissijiet lill-Pellegrini, fuq kif għandhom iġibu ruħhom ma' tul iż-żjajjar fl-Art Imqaddsa.

Meta wasalna Ħajfa, li hi l-bidu tal-Art Imqaddsa, irkibna l-awtopullmans u tlajna fuq l-għolja tal-Karmel, fejn il-Pellegrini kellhom Quddiesa u Tqarbina fil-Bażilka tal-Madonna. Wara naqra ta' fatra, dħalna f'dik il-ġawhra ta' Bażilika u qagħadna nitgħaxxqu bil-ġmiel ta' pittura li fiha, xogħol il-Malti Fra Wiġ, minn Bormla. Imbagħad erġajna rkibna l-karozzi u nżilna minn hemm, u għaddejna mill-wetja ta' Esdrelon u żorna żjara qasira lil Najm u bqajna telgħin fuq il-Għolja tat-Tabor, fejn Ġesù ssebbaħ quddiem it-tliet Appostli, u dħalna f'dik il-għanja Bażilika li l-Franġiskani bnew b'tifkira tat-Tisbiħ ta' Ġesù.

Wara nofs in-nhar, dak in-nhar, l-14 ta' Awissu, għamilna d-Daħla Solenni fil-knisja tal-Lunzjata f'Nazaret, li hi qrib it-Tabor, u l-għada, nhar Santa Marija, saret il-Quddiesa tal-Pellegrinaġġ u għamilna żjajjar lill-knisja tal-Ħanut ta' San Ġużepp, lill-knisja Griega-Kattolika tas-Sinagoga, fejn Ġesù tfajjel kien imur jitgħallem, lil kappella msejħa "Mensa Christi" u lill-għajn tal-Madonna. F'dak l-istess jum, wara l-fatra, tlaqna lejn Kana, li fiha l-knisja fejn Ġesù biddel l-ilma f'inbid, u żorna wkoll il-għalqa tas-sbul imsemmija fil-Vanġelu u rajna l-għolja ta' Qrun Ħattin, b'żewġ qċaċet, li taħtha fl-4 ta' Lulju 1187 il-Kroċjati sfaw imħarbta għal kollox mill-qawwiet ta' Sâleħ id-Din u ntemmet saltnet l-Insara fil-Palestina. Il-għada, 16 ta' Awissu, wasalna l-Baħar ta' Tabarija, żor-

na l-knisja Franġiskana ta' San Pietru u tlaqna minn hemm u għaddejna minn Magdala u Betsajda u wasalna Kafar-Nahum, il-pajjiż ta' San Mattew, fejn Ġesù kien joqgħod l-aktar fi żmien il-ħajja pubblika tiegħu.

Minn hemm tlajna fuq l-għolja tal-Beatitudni li fuqha hemm Bażilka sabiħa fejn Ġesù għamel l-aqwa prietka tiegħu.

Hawn wara ikla tajba u għax-xaba', qagħdna nimirħu ftit qalb is-siġar ta' qrib il-knisja.

Għal xi l-4 ta' wara nofs in-nhar, irkibna mill-ġdid l-awtopullman u ġbidna għal Safed, għaddejna minn San Ġwann t'Akri u rġajna lejn Nazaret fejn għaddejna l-lejl. L-għada filgħodu, wara l-quddies u l-fatra tlaqna mill-wetja ta' Sarona lejn Ġaffa u żorna lil Tel-Aviv belt ewlenija tal-Lhud. Minn hemm għaddejna u bqajna sejrin Lidda u Ramla, fejn żorna l-knisja ta' San Ġużeppi t'Arimatija u l-Borġ tal-Erbgħin Martri, u minn hemm tlajna Għajn Karem, ir-raħal fejn twieled San Ġwann il-Għammiedi. Minn Għajn Karem ġbidna lejn Ġerusalem u żorna ċ-Ċenaklu u l-Bażilka tal-Benedittini, fejn mietet il-Madonna. Wara qsamna l-fruntjera u għaddejna għan-naħa tal-Għarab u dħalna fil-belt il-qadima ta' Ġerusalem, jiġifieri mis-swar 'il ġewwa, fejn għamilna d-daħla solenni tagħna fil-Bażilka tal-Qabar ta' Kristu.

### Il-Qabar ta' Kristu

Il-Pellegrini, mexjin sarbut tlieta tlieta, wasalna fil-bieb tal-Bażilka, fejn laqagħna l-Patri President tal-Franġiskani bl-*asperges*, imsieħeb mar-Rħieb l-oħra li qegħdin hemm. Dħalna ġewwa l-Bażilka bil-kant tat-*Te Deum* u meta wasalna quddiem il-Qabar għażiż ta' Kristu u temmejna t-*Te Deum*, il-Patri President qal it-talb ta' radd il-ħajr lill-Alla u lil Marija Mnissla minnghajr tebgħa u lil San Franġisk t'Assisi, imbagħad il-Patri Anton De Giovanni, Malti tat-Terra Santa għamel diskors ta' merħba bil-kif lill-Pellegrinaġġ Malti.

L-għada, il-Ġimgħa, 17 ta' Awissu, wara l-Quddiesa tal-Pellegrinaġġ, żorna mill-ġdid il-Bażilka tal-Qabar ta' Kristu. Żorna l-Qabar Imqaddes innifsu, il Blata tal-Kalvarju, il-Ġiebja fejn instab is-Salib, il-Ħabs ta' Kristu, u ħwejjeġ oħra li jinsabu ġewwa dik il-Bażilka. Fit-3 ta' wara nofs in-nhar ħadna sehem fil-Vija Sagra li kull nhar ta' Ġimgħa ssir fit-toroq ta' Ġerusalem, flimkien mar-Rħieb ta' Ġieżu. Is-Sibt imbagħad morna nżuru l-Bażilka tat-Twelid tal-Madonna fejn il-Pellegrini kellhom quddiesa bit-Tqarbin u hemm żorna l-Menqa tan-Ngħaġ jew *Pixxina Probatka*. Wara dan morna għamilna dawra mal-weta' fejn kien it-Tempju dħalna fil-wisq magħrufa Moskija ta' Għomar u l-oħra, imsemmija tal-Għaksa: imbagħad ħriġna barra u żorna l-Ħajt tal-Biki tal-Lhud, il-Menqa ta' Sliwan u l-Wied ta' Ġosafat.

### Inżuru l-Patrijarka ta' Ġerusalem

Kemm domna Ġerusalem qagħadna fil-Casa Nova li hi bħal Lukanda bla ħlas, miżmuma mir-Rħieb ta' Ġieżu tat-Terra Santa u fiha konna milqugħin tajjeb ħafna. Għamilna wkoll żjara lill-Patrijarka, Mons. Albertu Gori, O.F.M., lir-Rev.mu Patri Ġenerali li ħasel kien ukoll Ġerusalem u lir-Rev.mu Kustodju tal-Qabar ta' Kristu.

Il-Ħadd, 19 ta' Awissu, tlaqna minn Ġerusalem għal Betlehem, fejn il-Pellegrini semgħu l-Quddies u tqarbnu fl-Għar Imqaddes tat-Twelid ta' Ġesù. Minn hemm morna nżuru l-Għar tal-Ħalib u l-għalqa tar-Rgħajja. Wara nofs in-nhar għamilna ħarġa lejn is-Samarija, fejn żorna l-belt ta' Nâblus u l-Bir tas-Samaritana, minn hemm

soqna lejn Emmaws u mkejjen oħra ta' min jarahom.

Fil-20 ta' Awissu, it-Tnejn, il-Pellegrini kellhom Quddiesa u Tqarbina fil-Bażilika tal-Ġetsemni, wara ħadna r-ritratt taħt siġra taż-żebbuġ (dan li ġibna hawnhekk) minn hemm inżilna nżuru l-Qabar tal-Madonna u mbagħad tlajna nżuru l-imkien tal-Axxensjoni, il-Bażilka tal-Pater Noster. Betfâge u Betanja u l-qabar ta' San Lazzru u tifkiriet oħra. Wara nofs in-nhar morna għall-Ora Santa fil-Bażilika tal-Ġetsemni, fejn il-Pellegrini qagħdu għal siegħa jitolbu fl-imkien in-nifsu fejn kien talab Sidna Ġesù Kristu.

Nhar it-Tlieta, 21 ta' Awissu, il-Pellegrini kellhom Quddiesa u Tqarbina fil-kappella ta' fuq il-Kalvarju u wara l-fatra, tlaqna lejn id-Deżert tal-Ġudija. Wasalna Ġerko, fejn żorna l-Għajn tal-Profeta Eliżew, il-għolja tal-Kwarantena fejn Ġesù sam 40 jum, minn hemm għall-Baħar il-Mejjet u mbagħad ġbidna lejn ix-xmara tal-Ġurdân. Qsamna x-xmara u għaddejna minn qalb l-iġbla ta' Galaad u ta' Għammon u wasalna fil-belt tal-Ġordanja. Il-għada qsamna l-fruntiera u dħalna fis-Sirja u wasalna Damasku fejn żorna l-Moskija tal-Ummajadi, il-Qabar ta' Sâleħ id-Din u t-Triq id-Dritta fejn hemm is-swar li minn fuqhom l-Insara ħarrbu lil San Pawl billi dandluh għal barra ġewwa qoffa. Żorna d-dar ta' Ananija u l-Pellegrini Maltin meta sabu ruħhom f'din il-Bażilka nfexxew f'għajta ta' "Viva San Pawl!" U dak il-ħin il-Patri Nikol Magro intona l-antifona:



**Il-Pellegrinaġġ Malti, taħt iż-żebbuġa tal-Agonija, fil-Ġnien tal-Ġetsemni.**

**L-ismijiet tan-nies, mix-xellug għal-lemin; weqfin: Paolina Briffa Brincati, Emmanuele Abela, Salv. Camilleri, Rev. Anton Vella, Ph.D., Emmanuele Bonnici, W. R. P. Nikol Magro, O.F.M., Giov. della Fiore, "Gwida", Virginia Borg, Concettina Formosa, Rev. G. Aquilina, D.D., Marianna Aquilina, Alfredo Gatt, Angela Attard, Annunziata Attard. Bilqegħda: Carmela Betts, Francis Camilleri, John Baptist Sammut, Giuseppe Dingli, Carmela Cutajar, Paul Adami, Adelina Briffa Brincati.**

*Sancte Paule Apostole* u wara kantajna l-Innu Malti. Minn hemm soqna għal Baalbek, belt qadima Rumana bi fdal ta' tempji ta' Zeus, Bakku u Veneri, u minn hemm bqajna sejrin Bejrut, fejn għall-ħabta tal-5 ta' fil-għaxija rkibna l-vapur M/N "Entoria" li l-għada, l-24 tax-xahar, wassalna Lixandra.

### Inżuru l-Kajr

Minn Lixandra tlaqna bl-awtopullman għall-Kajr, belt ewlenija tal-Eġittu. Il-mawra sal-Kajr kienet għall-Pellegrini xalata mill-isbaħ. Wara li kilna u rqadna f'waħda mill-isbaħ Lukandi tal-Kajr, fil-għodu qabel tlugħ ix-xemx, tlaqna lejn il-Piramdi. Irkibna fuq l-iġmla, u żżuffjettajna kemm ridna, u żorna l-Piramdi u l-Isfinġa, u wara l-fatra rġajna lejn il-Kajr. Hemm żorna l-Moskija tal-alabastru, għamilna dawra twila fil-Mużew, rajna t-teżori tas-Sultan Tutenhamen, għamilna dawra mal-belt u rġajna lejn Lixandra, fejn fis-sagħtejn erġajna rkibna fuq l-"Entoria" li nhar it-Tnejn wara nofs in-nhar wasslitna Sirakuża. Hawn qagħdna jum u morna nżuru lill-Madonna tad-Dmugħ u l-għada, l-Erbgħa, 29 ta' Awissu wasalna Malta mal-vapur "Star of Malta" u hekk il-Pellegrini temmew ix-xewqa tagħhom li jżuru l-Art Imqaddsa u waslu Malta b'wiċċ il-ġid u qalb ferħana.

---

# MINN HAWN U MINN HEMM

## AĦBARIJIET TA' BARRA

*Xirka ta' San Ġakbu.* — Fit-taqsima tal-Palestina li jgħidulha Israel, jiġifieri dik it-taqsima li hija taħt idejn il-Lhud, twaqqfet Xirka bejn il-Qassisin Kattoliki msemmija Ħidma ta' San Ġakbu Appostlu. Il-għan ta' din ix-Xirka hu li l-Qassisin jaħdmu għalanija għall-ġid tar-ruħ u tal-ġisem ta' dawk l-Insara Kattoliki li huma jgħixu fost il-Lhud. Il-President ta' dix-Xirka huwa Monsinjur Antonio Vergani, Vigarju tal-Patrijarka fil-Galilija.

*Xbiha tal-Qabar ta' Kristu fuq irħama.* — Ġewwa sotterran tal-knisja ta' St. Denis f'Pariġi, instabet irħama li fuqha hemm minquxa ħafna xbieħat u fosthom xbieha tal-Qabar ta' Kristu kif kien xi erba' mitt sena ilu, jiġifieri fis-seklu XIV jew XV.

*Knejjes tal-Lhud-Taljani f'Israel.* — Il-kbarat Lhud amru li jinġiebu mill-Italja l-għemara tal-Knejjes tagħhom li fiha xi siwi għall-ġmiel jew għall-qdumija. Għal hekk inġiebu għadd ta' kandlieri tas-seba' friegħi tal-bronż u tal-fidda, sniedaq tal-kawba u tal-avorju fejn titqiegħed il-Bibbja, u ħwejjeġ oħra bħal dawn.

*Taħfir ħdejn il-Menqa tan-Ngħaġ.* — Il-Menqa tan-Ngħaġ, jew *Pixxina Probatka,* fejn Ġesù fejjaq lil dak il-magħtub minn tletin sena, qegħda f'idejn ir-Rhieb il-Bojod, tal-Kardinal Levigerie. Ftit ilu dawn bdew iħaffru ma' dwarha u nkixfet knisja u bini qadim Bizantin. Ix-xogħol huwa mmexxi mill-għaref Patri Dumnikan De Vaux, Professur tal-Ecole Biblique de Saint Etienne.

*Knisja Ġdida fil-Ġordanja.* — Nhar San Ġużepp li għadda, il-Patrijarka ta' Ġerusalem bierek knisja ġdida fiż-Żerqa, belt kbira qrib Għammân, fil-Ġordanja. Il-knisja msemmija għal San Piju Għaxra, il-Papa li miet f'Awissu tas-sena 1914, li sar qaddis m'ilux. Il-knisja nbniet bil-flus tal-*Catholic Near East Welfare Association.* Iż-Żerqa

fiha ħamsin elf (50,000) ruħ u minnhom elfejn u tliet mija (2,300) huma Kattoliki.

*Il-Kulleġġ tal-Franġiskani.* — Meta għalqet l-Iskola, is-subjien tal-Kulleġġ li għandhom il-Franġiskani f'Għammân, għamlu wirja ta' *sports* li għaliha kienu mistednin kotra ta' kbarat, tal-Knisja u tal-ħakma wkoll. Fost il-mistednin tal-ħakma, kien hemm il-Prim Ministru (rajjes il-Ważra), Sagħid Bâxa il-Mufti, Wasif BâBxarat, Isma' il Bâxa Bilbesi u Rjad il-Mufleħ. Wara l-wirja dawna kienu mistiedna għattè għand il-Franġiskani.

*Saċerdoti Franġiskani ġodda.*—Nhar il-Ħadd, 19 ta' Lulju, fil-Bażilka tal-Ġetsemni ħdejn Ġerusalem, Mons. Gelat, Vikarju tal-Patrijarka, ordna saċerdoti erba' rħieb Franġiskani ġodda. Dawn huma: Patri Vitor Dieguez, Patri Manju Arjas, Patri Aldo Corradini u P. Franġisk Guemes. Nifirħulhom.

*Salib tar-Repubbblika Taljana.*—Fit-23 ta' Lulju, il-Konslu Taljan ta' Ġerusalem ta s-Salib tal-Ordni tar-Repubblika Taljana lil Patri Bagatti, Professur tal-Arkeoloġija fl-iskola Biblika Franġiskana ta' Ġerusalem. Dan il-ġieħ kien mogħti lilu bħala qima tax-xogħol arkeoloġku li P. Bagatti għamel fil-Palestina.

*Sentenza Għariba ta' Qorti Lhudija.* — Għaxar snin ilu, wieħed tifel Mislem ta' ħmistax-il sena jismu Sâlem Ħâkja, kien imġiegħel minn niesu li jiżżewweġ mara ta' tnejn u erbgħin sena. Sâlem mill-ewwel fittex li jinfired minnha bil-Qorti u ma satax. Issa qiegħed fit-taqsima ta' Israel u raġa' ried jinfired minnha, imma l-Qorti qatgħet li hu jibqa' magħha imma ħallietu jekk irid, jiżżewweġ ukoll mara żagħżugħa flimkien max-xiha, u jgħix magħhom it-tnejn.

## AĦBARIJIET TA' MALTA

### JUM IL-QABAR TA' KRISTU

Ma' tul l-aħħar tliet xhur għamilna Jum il-Qabar ta' Kristu fil-knejjes tal-Parroċċi li ġejjin: Raħal Ġdid, Marsaxlokk, Ħaż-Żabbar, Tas-Sliema (Stella Maris), Ħal-Tarxien, Ħal-Safi, Ħal-Kirkop, iż-Żurrieq, Ħal-Luqa, Ħal-Qormi (san Bastjan), San Pawl il-Baħar, il-Ħamrun, il-Mosta, u l-Mellieħa.

Niżżu ħajr minn qiegħ qalbna lill-Kappillani ta' dawn il-Parroċċi li semmejna li laqgħuna bil-ferħ u tawna kull għajnuna biex Jum il-Qabar ta' Kristu jseħħ kif imiss. Niżżu ħajr ukoll lil poplu ta' dawn ir-rħula, li taw il-għajnuna li setgħu biex il-Qabar Għażiż ta' Sidna Ġesù Kristu jibqa' meqjum u mħares kif jixraq, f'idejn l-Insara. Aħna nagħtuhom il-kelma li fil-quddies kollu li jsir fl-Imkejjen Imqaddsa tal-Palestina issir tifkira tagħhom biex il-Bambin ixerred fuqhom u fuq nieshom il-barka tiegħu mis-Sema.

### GRAZZJI MIXTIEQA U MAQLUGĦA BIT-TALB QUDDIEM IX-XBIEHA TAD-DULURI TA' FUQ IL-KALVARJU

Katarina Micallef tiżżi ħajr bil-qalb lid-Duluri tal-Kalvarju f'Ġerusalem, talli waqfet magħha f'dak kollu li talbitha. Lunzjata Borg talbitna nqabbdu lit-Tfal Iltiema ta' Ġerusalem biex jitolbu għalieha quddiem is-sura tad-Duluri ta' fuq il-Kalvarju, ħalli taqla' grazzja li wisq teħtieġ. Filomen Cutajar tagħti £1, għal ħteġijiet tat-Tfal Iltiema ta' Ġerusalem, biex jitolbu għalieha quddiem ix-Xbieha mirakluża tad-Duluri tal-Kalvarju. Madalen Sammut tagħtna 10/- għal-Ltiema ta' Ġerusa-

lem biex jiftakru fiha fit-talb tagħhom quddiem ix-Xbieħa tad-Duluri tal-Kalvarju. Grazja Cordina tagħtna 10/- bħala tiżżija ta' ħajr ta' grazzi li qalgħet meta talbet lid-Duluri tal-Kalvarju li tidħol għalieha. Konċett Cordina tiżżi ħajr lid-Duluri tal-Kalvarju għal grazzja kbira li qalgħet bit-talb tagħha u tagħt 10/- biex jinxtara xama' u jixtegħel quddiemha.

## OFFERTI

*GĦOTJIET BARRANIJA GĦAL ĦTEĠIET TAL-QABAR TA' KRISTU:* Ġużeppi Brincat, 5/-; Manwela Debrincat, 5/-; Marija Chetcuti, 2/6; Luretu Demanuele, 2/6; Katarina Cordina, 10/-; Assweru Borg, 10/-; Alice De Giovanni, 10/-; Cristoforo Shendo, 10/-; Marijanna Muscat, 2/6; Konċetta Ciappara, 10/-; Beatrice Zammit, 5/-; Elena Micallef, 5/-; Mary Borg, 5/-; Giovanna Attard, 10/-; Rita Sammut, 5/-; Teresa Catania, 5/-.

*GĦALL-MISSJONI TAL-ART IMQADDSA:* Karmenu Buhagiar, 5/-; Ġużeppi Muscat, 2/6; Fredu Cordina, 2/6; Piju Borg, 5/-; Nikol Magri, 10/-; Mikiel Cordina, 5/-; Alfonso Attard, 2/6; Anton Damato, 5/-; Ivo Buttigieg, 5/-; Pasquale Borg, 2/6; Ġakkin Zammit, 2/6; Antonja Buttigieg, 10/-; Silvja Muscat, 2/6; Pietru Callus, 5/-; Pawlu Xerri, 5/-; Nikolina Cutajar, 5/-.

*GĦAL BAŻILKA L-ĠDIDA TA' NAZARET:* Pija Attard, 10/-; Teresa Borg, 5/-; Filomena Attard, 5/-; Ġużeppi Zammit, 5/-; Mary Abram, 5/-; Ġużeppina Borg, 5/-; Katarina Grixti, 5/-; Connie Brincat, 5/-; Salvina Alessandro, 2/6; Agnese Sant, 5/-; Luċija Clarke, 5/-; Eva Mussu, 5/-; Evelina Borg, 10/-; Lily Buhagiar, 5/-; Carmelina Gatt, 5/-.

## REQUIESCANT IN PACE

**Nitolbu lill-qarreja tagħna li jiftakru fit-talb tagħhom fir-ruħ għażiża ta' dawn ħutna f'Ġesù Kristu li marru qabilna fl-eternità, biex huma wkoll fit-talb tagħhom quddiem Alla jiftakru fina:—**

LUĊIJA TANTI, li mietet Ħad-Dingli, nhar Santa Marija, 1892.

KARMENA TANTI, li mietet Ħad-Dingli, fil-25 ta' Novembru, 1938.

KARMENU MICALLEF, li miet Ħad-Dingli, nhar l-Imnarja, 1944.

DUN ĠWANN CORTIS, li miet Ħad-Dingli, fil-20 ta' Mejju, 1944.

MIKIEL BUGEJA, li miet Marsaxlokk, fil-11 t'April, 1950.

PAWLU ZAMMIT, li miet Marsaxlokk, fit-30 ta' Ġunju, 1950.

ĠUŻEPPI ABELA, li miet Ħad-Dingli, nhar san Ġwann, 1947.

MARIROŻ ABELA, li mietet Ħad-Dingli, fit-13 ta' Diċembru, 1951.

KONĊETTA ZAMMIT, li mietet Ħad-Dingli, fl-14 ta' Settembru, 1953.

MODESTA SPITERI, li mietet , fit-22 t'April, 1954.

ĊIKKU COLEIRO, li miet Ħaż-Żebbuġ, fis-17 ta' Settembru, 1954.

ĠUŻEPPI EBEJER, li miet Ħal-Balzan, fis-17 t'Ottubru, 1954.

ROŻI EBEJER, li mietet Ħad-Dingli, fid-19 ta' Novembru, 1955.

KARMENU MUSCAT, li miet Ħal-Balzan, fil-20 ta' Frar, 1956.

ALFREDU NICHOLAS, li miet tas-Sliema, fit-23 ta' Mejju, 1956.

ROŻINA MIFSUD, li mietet Ħal-Luqa, fit-8 ta' Ottubru, 1955.

MAKSIMILLA ZAMMIT, li mietet Ħal-Luqa, fis-17 ta' Ġunju, 1956.

**Min-naħa tagħna niżguraw lil qrabathom li l-erwieħ ta' dawn il-mejtin għeżież ikollhom dejjem sehem mill-quddies li jitqaddes fuq il-Qabar ta' Kristu.**

# ĊIFRI LI JITKELLMU WEĦIDHOM

## IL-HIDMA TAL-KUSTODJA FRANĠISKANA TAT-TERRA SANTA

### ĦIDMA RELIĠJUŻA

21 Santwarji
45 Kappelli
39 Parroċċa b'85,000 fidili
11 Knejjes Sukkursali
31 Kappellaniji
64 Kunventi
402 Missjunarji
2 Kulleġġi Serafiki
70 Kummissarjati mxerrdin mad-dinja kollha
1 Delegazzjoni tat-Terra Santa f'Ruma.

### ĦIDMA SOĊJALI

30 Skola għall-bniet u għas-subien, b'aktar minn 6,000 tfal
6 Kulleġġi b'1,800 edukandi
3 Orfanatrofji
8 Officini tas-snajja
2 Tipografiji
1 Fotozingografija
1 Kalvonoplastika.

# ĦIDMA TA' GĦAJNUNA

**Lill-Imgħakksin:**

Il-Kustodja tat-Terra Santa għandha DJAR, li hi tikri mingħajr ebda ħlas lill-insara fqar. Meta l-għadd ta' familji nsara jgħaddi l-għadd tad-djar il-Kustodja tgħinhom bil-flus biex jidħlu taħt saqaf ieħor.

**Ħobż ta' Sant'Antnin:**

F'Kunvent wieħed biss ta' Ġerusalemm, li hu dak ta' San Salvatur, jiġu mqassma iktar minn 2,000 ħobża kull jum u fuq 850 platt minestra lill-fqar, ikunu x'ikunu.

**Għajnuniet oħra:**

Fuq 800 xjuħ, irġiel u nisa, hemm miġburin fl-ażili tal-Kustodja; 1,300 razzjon ħalib jingħataw kull jum lit-tfal; kotba, pitazzi u ħtiġijiet ta' l-iskola jiġu mogħtija b'xejn lil 3,200 tfal foqra; u għadd kbir ta' morda jiġu mdewwijin u kkurati fl-isptarijiet u spiżeriji tat-Terra Santa.

**Lir-Rifuġjati tal-Gwerra tal-Palestina:**

65 dar tal-Kustodja qegħdin jilqgħu lir-rifuġjati u għadd ta' 1,400 rifuġjati oħra qegħdin f'kera ieħor li tħallsu t-Terra Santa; mijiet ta' familji u eluf ta' rifuġjati għandhom il-ħtiġijiet tagħhom kollha mill-Kustodja ta-Terra Santa.

**Lill-Pellegrini:**

Barra minn dan li għedna, il-Kustodja tat-Terra Santa torganizza Pellegrinaġġi għall-Art Imqaddsa mid-dinja kollha, tgħin lill-pellegrini fiż-żjajjar tas-Santwarji u lilhom tilqa' u tpaxxi fit-8 Djar (Casenove) tagħha.

Cum permissu Superiorum et auctoritatis Ecclesiasticae.